Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 259 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Claire Farrugia

Illum 20 ta Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Claire Farrugia detentrici tal-karta tal-identita Maltija 15979 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Novembru 2011 u fis-seba' xhur ta' qabel din id-data:

Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma

kellha licenzja mill-President ta′ Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta′ Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta′ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort′ ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga; u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta′ Malta;

U aktar talli fit-3 ta′ Novembru 2011 f′ dawn il-Gzejjer:

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta′ Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta′ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba′ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort′ ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b′ xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta′ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta′ Malta, liema droga instabet f′ tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

b) Talli minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f′ xi parti tal-konfini tal-habs u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta′ Kordin, oggetti jkunu li jkunu specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta′ Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija:

i) Titratta mal-imputata Claire Farrugia talli hija recidiva b' diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
ii) Tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7 (1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 (h) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u ikkundannatha ghall-piena ta' tnax-il xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hatja b' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin ewro (€75), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b' dan illi jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€394.06), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela ammontanti ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€23.28), kif ukoll l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' tliet mija u sitt ewro u disa' centezmi (€306.09). Dawn l-ispejjez ammontanti b' kollox ghas-somma ta' seba' mija, tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€723.43) ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sitt xhur mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita in atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan

sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' proceduri ohrajn fil-konfront ta' terzi, b' dan illi f' dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b' verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Claire Farrugia, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabitha hatja tal-imputazzjoni kollha migjuba fil-konfront taghha, tiddikjaraha mhux hatja taghhom u konsegwentement tilliberaha minnhom; u fin-nuqqas ta' dan **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz inkluz in-nota li giet pezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Novembru, 2018.

Rat **illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**A. L-Istqarrijiet kollha rilaxxati mill-Appellanti mghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni**

Illi l-ewwel aggravju jittratta l-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti biex sabet htija hadet in konsiderazzjoni l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellanti. Illi fil-fatt jirrizulta illi l-appellanta rrilaxxjat zewg stqarrijiet lill-pulizija ossia wahda dakinhar tat-3 ta' Novembru 2011 u ohra nhar l-1 ta' Marzu 2012. Fl-ewwel stqarrija taghha, rilaxxjata minnha wara li nghatat is-solita twissija, kif ukoll illi kellha l-jedd li tikkonsulta ma' avukat, liema jedd hija ghazlet li ma tezercitahx, hija tikkonferma li dakinhar, giet arrestata stante illi nqabdet diehla fil-habs qabel visita u fuq il- persuna taghha nstabulha tliet pakketti bi trab kannella. Tghid illi hija kella vizita ma' Elaine Rapinett, priguniera fil-habs, li l-vizita kellha tkun fis-2.30 p.m. u li ghamlulha strip search li fiha ma sabu xejn. Zammewha milli taghmel il-vizita u cemplu lill-pulizija u meta waslet pulizija mara, minn jeddha hija tatha tliet boroz "timmagina" bl-ismack ossia eroina, li kienu fil-parti intima taghha. Din l-istqarrija giet mahlufa mill-

imputata quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ghada l-4 ta' Novembru 2011.

Fl-1 ta' Marzu 2012, imbaghad, l-appellanta rrilaxxjat it-tieni stqarrija taghha u dan wara li giet moghtija s-solita twissija skont il-ligi, kif ukoll id-dritt li tottjeni parir legali. Tghid illi kien hemm izjed minn okkazzjoni wahda li fiha dahhlet id-droga eroina lil Rapinett u dan fuq perjodu ta' bejn wiehed u iehor sitt xhur qabel ma giet arrestata gewwa l-habs f' Novembru 2011.

Illi jigi rilevat illi l-kaz gie msejjes principarjament fuq l-istqarrijiet moghtija mill-appellanta fejn fl-ebda wahda minnhom ma inghatatx l-opportunita' illi jkollha l-avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni peress illi l-ligi f' dak iz-zmien ma kienetx tippermetti dan u ghalhekk dawn l-istess stqarrijiet huma lezivi ghad-drittijiet fundamentali kif sanciti fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan kif gie rilevat korrettement mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Dan id-dritt ghall-assistenza legali fi proceduri kriminali huwa rikonoxxut u protett fil-maggior parti tal-pajjizi fil-komunita internazzjonali u huwa sancit f' kull strument internazzjonali ta' drittijiet umani, inter alia, l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni Inter-Amerikana ghad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni Afrikana ghad-Drittijiet Umani u tal-Popli u l-Konvenzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet Civili u Politici, fejn id-dritt tal-assistenza legali huwa meqjus bhala element essenzjali tad-dritt ta' smiegh xieraq.

Anke skont l-Artikolu 1 tal-United Nations Resolution on Basic Principles on the Role of Lawyers, ' all persons are entitled to receive legal assistance of a lawyer of their choice in order to protect and establish their rights and to defend them in all stages of criminal proceedings.' Ghalhekk huwa insostenibbli largument tal-appellant illi ma jezistix dritt ghal assistenza legali, tant illi l-Artikolu 6 (3) (c) tal-Konvenzjoni jghid b' mod espress illi:

Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:

*to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require.*

Illi l-appellant tirrileva illi fiz-zmien illi ttehdulha l-istqarrijiet, il-ligi ma kienetx tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward u ghalhekk, ghalkemm il-kazistika lokali kienet stabbilit rekwiziti precizi ghall-istqarrija valida, pero` l-presenza ghad-dritt ghall-assistenza legali waqt interrogatorju f' investigazzjoni tal-Pulizija ma kienx jezisti. Illi dan ifisser ukoll illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra tali ksur fl-assjem tal-proceduri kollha, u cioe' kif il-mod kif dan il-ksur tad-dritt fundamentali **ikkundizzjona** il-kumplament tal-proceduri u dan ghaliex propju kif irriteniet il-Qorti Ewropea f' **Pischchalnikov v. Russia** deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn qalet:

> *Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case … In the absence of assistance by counsel, who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could not make full and knowledgeable use of his rights afforded by the criminal procedural law..*

Illi dan l-istess principju gie assodat ukoll fid-decizjoni tal-kaz **Dayanan v. Turkey (13.10.2009 (II))** fejn il-Qorti spjegat b' mod car ir-ragunijiet ghaliex id-dritt t' assistenza legali ghal persuni arrestati hija meqjusa bhala aspett principali tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq:

> *As emerges from the generally recognized international norms, which the Court accepts and which complement its case-law, a suspect must be afforded assistance by a lawyer as soon as he has been deprived of his liberty, whether or not he is to undergo interrogations.*
>
> …
>
> *The principle of fair trial requires that a* ***suspect be afforded the vast range of interventions that are inherent to legal advice. In this respect, the discussion of the case, the organization of the defence, the search for favourable evidence, preparation for interrogations, support of the suspect in distress and control of***

***the conditions of detention are essential elements of the defence which the lawyer must be free to perform.*** *(§ 32, private translation; emphasis added)*

*...*

*In the instant case it is not disputed that the applicant was not assisted by a lawyer when he was in custody,* ***as such assistance was not allowed by the law in force at the relevant time. In itself, such a systematic restriction based on relevant statutory provisions warrants the conclusion that the requirements of Article 6 have not been met, irrespective of the fact that the applicant remained silent throughout his custody."*** *(§ 33, non-official translation;)*

Jekk kif gie ritenut f' Dayanan vs Turkey anke f' cirkostanzi fejn persuna suspettata tibqa` siekta waqt l-interrogazzjoni xorta wahda jirrizulta ksur, jidher b' mod car illi r-ragunament tal-Avukat Generali huwa wiehed manifestament zbaljat, skorrett u jmur kontra d-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ***(Salduz vs Turkey, Dayanan vs Turkey, Demirkaya vs Turkey, Pavlenko vs Russia, Pischchalnikov vs Russia, Boss vs Turkey, Panovits vs Cyprus u Bruscoe vs France)*** u anke kontra decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Maltija fl-ismijiet Pulizija vs Alvin Privitera u Pulizija vs Esron Pullicino.

Illi, fil-fatt, fil-kaz **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera** deciza fil-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011), il-Qorti Kostituzzjonali sahqet illi:

*"Il-Qorti tikkonkludi li fil-kaz odjern kien hemm lezjoni taddritt tal-appellant ghal smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta huwa ma nghatax l-assistenza legali. Din il-Qorti hi tal-fehma li d-dritt li persuna arrestata tigi assistita minn avukat ghandu jinghata fil-bidunett talinvestigazzjoni u qabel ma dik il-persuna tirrilaxxja stqarrija."*

L-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino** deciza fit-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) irriteniet illi:

*"Ghalhekk, skont il-Qorti ta' Strasbourg, ir-regola hija li akkuzat ghandu jkollu access ghall-avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni.*

*...*

*Din il-Qorti tirrileva li r-raguni li l-Qorti Ewropeja tinsisti fuq id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali talinvestigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m' ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn iddrittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni."*

Illi izda l-Qrati Kostituzzjonali ma baqghux isegwu l-pronunzjament kemm tal-Qorti Ewropea kif ukoll is-sentenza precedenti ta' Esron Pullicino u Alvin Privitiera. Fil-fatt, nonostante illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b' diversi sentenzi rriteniet illi n-nuqqas wahdu ta' assistenza legali jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta b' diversi sentenzi bdiet tinterpreta d-dritt ghall-assistenza legali b' mod iktar restrittiv fejn sahqet ghall-htiega ta' elementi ohra fosthom vulnerabbilita' tal-interrogat u l-karattru antecedenti tieghu.

Illi izda ricentament il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b' sentenza fl-ismijiet **Mario Borg vs. Malta** datata tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taht l-Artikolu 6 (1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F' dan ir-rigward il-Qorti rriteniet illi d-dritt tal-assistenza legali ghandha tkun ir-regola generali u tali dritt ghandu jinghata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f' cirkustanzi eccezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-Difiza jkun ippregudikat meta persuna taht invesitgazzjoni taghti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha minghajr ma tkun inghatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi c-cahda sistematika ta' dan id-dritt huwa leziv tal-Artikolu 6 u cioe' dak ghal smiegh xieraq. Fil-fatt, l-istess Qorti sahqet illi:

*"(i) General principles*

*56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in*

*itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

Illi addirittura fil-"consenting opinion" tieghu l-Imhallef Pinto De Albuquerque qal illi l-interpretazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kienet qed taghti ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' Salduz, fi proceduri simili ghal tal-protestant, kienet tammonta ghal "breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". Aktar minn hekk, l-istess Imhallef saahq illi "*In other words, the Government is claiming that Salduz did not posit a principle of law and therefore national courts may depart from it when the facts of a case are not exactly the same as those in Salduz. This view not only downgrades Salduz to the rank of a strictly fact-sensitive understatement by the Grand Chamber, but, worse still, reflects a wrong and worrying methodological perspective on the Court' s role and the legal force of its judgments.*

Illi finalment jinghad li l-istess consenting opinion tkompli tikkontradici l-posizzjoni li hadet il-Qorti Kostituzzjonali fl-interpretazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali. Fil-fatt l-istess opinjoni tghid hekk:

*In spite of the crystal-clear course taken by the Court towards reinforcing the right to legal assistance for defendants from the very beginning of the investigation and particularly when in police custody or during police questioning, the Constitutional Court of Malta chose to contradict the letter and the spirit of the Grand Chamber' s judgment, introducing a broadly formulated caveat to its applicability: the vulnerability of the defendant. No plausible grounds were given for this radical change from the same Constitutional Court' s prior case-law, which had specifically denied the "decisive" role of the age or vulnerability factor in the determination of the Salduz right to legal assistance. Worse still, no specifics were provided as to the relevant characteristics of vulnerable persons. On this fragile legal basis, the impact of the Grand Chamber case-law was, in practical terms, limited to "exceptional" cases.*

Illi ghalhekk sentenzi sussegwenti tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) segwew il-pozizzjoni mehuda ta' Mario Borg fejn fost l-ohrajn fis-sentenza **Malcolm Said vs. Avukat Generali** datata erbatax (14) ta' Jannar tas-sena

elfejn u sittax (2016) **filwaqt illi ghamlet referenza ghas-sentenza ta' Mario Borg vs Malta surreferita sahqet illi:**

*Applikat dan l-insenjament ghal kaz in ezami, u fin-nuqqas ta' provi dwar xi ragunijiet impellanti ghar-ristrezzjoni ta' dritt t' assistenza t' avukat, din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti soffra lezju tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq in vista tal-fatt li ma kienx assistit minn avukat qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tieghu. Il-Qorti tqis ukoll li ghandha tapplika l-istess ammont ta' Danni li akkordat fil-lodo taghha il-Qorti Ewropea fil-kaz fuq citat u cioe elfejn u hames mitt Ewro (€2,500). Il-Qorti hadet nota ukoll tal-konkluzjoni u censura kontenuta fil-Concurring and Dissenting Opinion tal-Imhallef tal-Qorti Ewropea Pinto de Albuquerque , li tinsab a fol. 43 tas-sentenza Borg vs Malta*

Fil-fatt, din is-sentenza giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjoni permezz ta' sentenza datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet **Malcolm Said vs. Avukat Generali qalet:**

*Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet ir-raġuni għala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x' aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela "x' aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir.*

...

*Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b' reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.*

*Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.*

*Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu flintier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

Illi din is-sentenza giet konfermata b' diversi sentenzi ohra tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom Aaron Cassar vs. Avukat Generali et datata hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Generali et datata tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016).

Illi sahansitra anke l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) sahqet illi:

***10.*** *In the present case, respondent Onyeabor was interrogated by the Police without having been granted access to a lawyer – notwithstanding his request for a lawyer, which was denied and this as at the time there was "a systemic restriction applicable to all accused persons". Respondent thus made a statement on the 4th February 2008 without such legal assistance.*

…

***12.*** *Nor has appellant Attorney General adduced any "compelling reasons" which may have justified denying respondent Onyeabor access to a lawyer at the interrogation stage.*

***13.*** *While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused' s statement as laid down in article 658 of the*

*Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused' s statement.*

**14.** *For these reasons the Attorney General' s appeal requesting the reversal of that part of the judgement delivered by the Criminal Court on the 17th March 2016 in the names* ***The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor*** *whereby that Court upheld the first preliminary plea and declared the statement released by the accused as inadmissible, is denied and judgement is confirmed. Orders that the record be remitted to the Criminal Court for the continuation of proceedings against the said Chukwudi Samuel Onyeabor.*

Addirittura fil-kaz ta` Dvorski v. Croatia, l-ECHR kienet rinfaccjata b`ilment minhabba li waqt l-ghoti ta` stqarrija, il-persuna li kienet qed tigi akkuzata kienet rapprezentata minn avukat, mhux ta`l-ghazla tieghu izda minn avukat li gie offrut mill-pulizija. Fis-sentenza li nghatat mill-Grand Chamber fl-20 ta` Ottubru 2015, inghad hekk :-

*77. The Court has held that in order to exercise his right of defence, the accused should normally be allowed to have the effective benefit of the assistance of a lawyer from the initial stages of the proceedings because national laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings (see Salduz, cited above, § 52). The Court has also recognised that an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, and in most cases this can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer, whose task is, among other things, to help to ensure that the right of an accused not to incriminate himself is respected (ibid., § 54; see also Pavlenko v. Russia, no. 42371/02, § 101, 1April 2010).*

*78. In such circumstances, the Court considers it important that from the initial stages of the proceedings, a person charged with a criminal offence who does not wish to defend himself in person must be able to have recourse to legal assistance of his own choosing (for more detailed reasoning see Martin v. Estonia, no. 35985/09, §§ 90 and 93, 30 May 2013). This follows from the very wording of Article 6 § 3 (c), which guarantees that "[e]veryone charged with a criminal offence has the following minimum rights: ... to defend himself ... through legal*

*assistance of his own choosing ...", and is generally recognised in international human rights standards as a mechanism for securing an effective defence to the accused. The Court emphasises that the fairness of proceedings requires that an accused should be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance (see Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 32, 13 October 2009, and paragraph 110 below).*

…

*80. Moreover, having regard to the considerations mentioned above, as the Court affirmed in its Salduz judgment, in order for the right to a fair trial to remain "practical and effective", Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer shouldbe provided from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such a restriction – whatever its justification – must notunduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55-57 and see also Panovits v. Cyprus, no. 4268/04, § 66, 11 December 2008).*

*81. Unlike in Salduz, where the accused, held in custody, had been denied access to a lawyer during police questioning, the present case concerns a situation where the applicant was afforded access to a lawyer from his first interrogation, but not – according to his complaint – a lawyer of his own choosing. In contrast to the cases involving denial of access, the more lenient requirement of "relevant and sufficient" reasons has been applied in situations raising the less serious issue of "denial of choice". In such cases the Court`s task will be to assess whether, in the light of the proceedings as a whole, the rights of the defence have been "adversely affected" to such an extent as to undermine their overall fairness (see, for example, Croissant, cited above, § 31; Klimentyev, cited above, §§ 117-118; and Martin, cited above, §§ 96-97).*

*82. It is the latter test which is to be applied in the present case. Against the above background, the Court considers that the first step should be to assess whether it has been demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were relevant and sufficient grounds for overriding or obstructing the defendant`s wish as to his or her*

*choice of legal representation. Where no such reasons exist, the Court should proceed to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. In making its assessment, theCourt may have regard to a variety of factors, including the nature of the proceedings and the application of certain professional requirements (see Meftah and Others, cited above, §§ 45-48, and Martin, cited above, § 90); the circumstances surrounding the designation of counsel and the existence of opportunities for challenging this (ibid., §§ 90-97); the effectiveness of counsel`s assistance (see Croissant, cited above § 31, and Vitan, cited above §§ 58-64); whether the accused`s privilege against selfincrimination has been respected (see Martin, cited above, § 90); the accused`s age (ibid., § 92); and the trial court`s use of any statements given by the accused at the material time (see, for example, Croissant, cited above, § 31, Klimentyev, cited above, §§ 117-118; and Martin, cited above, §§ 94-95). It is further mindful that the Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective and not theoretical and illusory (see, among many other authorities, Airey v. Ireland, 9 October 1979, § 24, Series A no. 32; Imbrioscia, cited above, § 38; Goddi v. Italy, 9 April 1984, § 30, Series A no. 76; and Salduz, cited above, § 55) and that in determining Convention rights one must frequently look beyond appearances and concentrate on the realities of the situation (see,inter alia, Delcourt v. Belgium, 17 January 1970, § 31, Series A no. 11; DeJong, Baljet and Van den Brink v. the Netherlands, 22 May 1984, § 48, Series A no. 77; Pavlenko, cited above, § 112; and Erkapić v. Croatia, no. 51198/08, §§ 80- 82, 25 April 2013). In cases where the accused had no legal representation, the Court also took into consideration the opportunity given to the accused to challenge the authenticity of evidence and to oppose its use (see Panovits, cited above, § 82), whether the accused is in custody (Salduz, cited above, § 60); whether such statements constituted a significant element on which the conviction was based and the strength of the other evidence in the case (Salduz, cited above, § 57; and Panovits cited above, §§ 76 and 82).*

Il-Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni ta` l-Art 6(1) u (3)(c) tal-Konvenzjoni, anke f`dan il-kaz fejn il-persuna koncernata kien assistit waqt linterrogazzjoni mhux minn avukat tal-ghazla tieghu:

*108. In this connection, the Court again underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial (see*

*Salduz, cited above, § 54), and emphasises that a person charged with a criminal offence should already be given theopportunity at this stage to have recourse to legal assistance of his or her own choosing (see Martin, cited above, § 90). The fairness of proceedings requires that an accused should be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person`s defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support for an accused in distressand checking of the conditions of detention (see Dayanan, cited above, § 32).*

*109. Where, as in the present case, it is alleged that the appointment or the choice by a suspect of the lawyer to represent him has influenced or led to the making of an incriminatingstatement by the suspect at the very outset of the criminal investigation, careful scrutiny by the authorities, notably the national courts, is called for. However, the reasoning employed by the national courts in the present case in relation to the legal challenge mounted by the applicant concerning the manner in which his confession had been obtained by the police was far from substantial. Neither the trial court nor the investigating judge nor any other national authority took any steps to obtain evidence from G.M. or the police officers involved in order to establish the relevant circumstances surrounding G.M.`s visit to Rijeka Police Station on 14 March 2007 in connection with the applicant`s questioning by the police. In particular, the national courts made no real attempt to provide reasons supporting or justifying their decision in terms of the values ofa fair criminal trial as embodied in Article 6 of the Convention.*

*…*

*112. The Court has found that the police did not inform the applicant either of the availability of the lawyer G.M. to advise him or of G.M.`s presence at Rijeka Police Station; that the applicant, during police questioning, confessed to the crimes with which he was charged and that this confession was admitted in evidence at his trial; and that the national courts did not properly address this issue and, in particular, failed to take adequate remedial measures to ensure fairness. These factors, taken cumulatively, irretrievably prejudiced the applicant`s defence rights and undermined the fairness of the proceedings as a whole.*

*113. The Court therefore finds that in the circumstances of the present case there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.."*

Il-kaz fuq citat ta` **Simeonovi vs Bulgaria** mar quddiem ilGrand Chamber. Fid-decizjoni tal-Grand Chamber tat-12 ta` Mejju 2017 kien trattat l-Art 6 tal-Konvenzjoni fil-kuntest ta` procediment kriminali. Inghad :-

*111. Thus, for example, a person arrested on suspicion of having committed a criminal offence (see, among other authorities, Heaney and McGuinness v. Ireland, no. 34720/97, § 42, ECHR2000-XII, and Brusco v. France, no. 1466/07, §§ 47-50, 14 October2010), a suspect questioned about his involvement in acts constituting a criminal offence (see Aleksandr Zaichenko v. Russia, no. 39660/02, §§ 41-43, 18 February 2010; Yankov and Others v. Bulgaria, no. 4570/05, § 23, 23 September 2010; and Ibrahim and Others, cited above, § 296) and a person who has been formally charged, under a procedure set out in domestic law, with a criminal offence (see, among many other authorities, Pélissier and Sassi v. France [GC], no. 25444/94, § 66, ECHR 1999-II, and Pedersen and Baadsgaard v. Denmark [GC], no. 49017/99, § 44, ECHR 2004-XI) can all be regarded as being "charged with a criminal offence" and claim the protection of Article 6 of the Convention. It is the actual occurrence of the first of the aforementioned events, regardless of their chronological order, which triggers the application of Article 6 in its criminal aspect."*

Dwar id-dritt ghall-assistenza legali, inghad hekk:

*"112. The Court reiterates that the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, as guaranteed by Article 6 § 3 (c), is one of the fundamental features of a fair trial (see Salduz, cited above, § 51, and Dvorski v. Croatia [GC], no. 25703/11, § 76, ECHR 2015). Prompt access to a lawyer constitutes an important counterweight to the vulnerability of suspects in police custody, provides a fundamental safeguard against coercion and illtreatment of suspects by the police, and contributes to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused (see Salduz, cited above, §§ 53-54, and Ibrahim and Others, cited above, § 255).*

*113. Article 6 § 3 (c) does not therefore secure an autonomous right but must be read and interpreted in the light of the broader requirement of fairness of criminal proceedings, considered as a whole, as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention. In particular, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case with regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable thefairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (see Ibrahim and Others, cited above, §§ 250 and 251). Article 6 § 3 (c) leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial system, the Court`s task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial (see Salduz, cited above, § 51).*

*114. Like the other guarantees of Article 6, the right to legal assistance is applicable from the moment that a "criminal charge" exists within the meaning of this Court`s case-law (see paragraphs 110 and 111 above) and may therefore be relevant during pre-trial proceedings if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to observe it (see Imbrioscia v. Switzerland, 24 November 1993, § 36, Series A no. 275; Dvorski, cited above, § 76; and Ibrahim and Others, cited above, §253)."*

Il-Qorti ndikat illi jista` jkun hemm ragunijiet fejn ghandu jkun hemm restrizzjoni temporanja tad-dritt ghall-assistenza legali :

*"116. The Court also reiterates that access to a lawyer during the investigation phase may be temporarily restricted where there are "compelling reasons" for doing so. In paragraph 55 of its Salduz judgment (cited above), the Court held as follows concerning the restriction of the access to a lawyer for "compelling reasons" during detention in police custody:*

*"... the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently `practical and effective` ... Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless itis demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 ... The rights of the defence will in principle be irretrievably*

*prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*

Illi jigi rilevart ukoll illi fid-9 ta` Mejju 2017 il-Qorti Kriminali tat decizjoni filkaz Ir-Repubblika ta` Malta vs Martino Aiello. Fit-trattazzjoni tal-kawza sar l-argument illi l-akkuzat ma kellux avukat prezenti mieghu meta hu rrilaxxa l-istqarrija fid-19 ta` Ottubru 2014. It-tezi ta` Aiello kienet li meta sar ir-rilaxx ta` l-istqarrija, huwa ma kellux id-dritt ta` prezenza ta` l-avukat bil-konsegwenza li l-istqarrija ghandha tkun inammissibbli. L-Avukat Generali ghamel l-argument illi Aiello kien inghata d-dritt li jikkonsulta avukat ta` fiducja tieghu izda rrifjutadan id-dritt, ma kkonsulta ma` hadd, u liberament u volontarjament irrilaxxja l-istqarrija de qua.

Il-Qorti Kriminali qalet hekk :-

*"Illi din il-Qorti josserva li s-sentenza Borg v Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss titkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu ljedd li jikkonsulta ma` avukat qabel tigi rilaxxata stqarrija. Dik is-sentenza tghid illi f`kull stadju ta` l-investigazzjoni l-persuna suspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta` lavukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta` l-2016. Illi fil-fehma ta` din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentenzi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f` dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk ir-rikorrenti rrifjuta ddritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta` avukat fl-istess kamra ta` l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "…jjippartecipa b` mod effettiv flinterrogazzjoni…" Kif wiehed jista` japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differeenti minn dawk li huma in vigore llum. Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa` leccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara li l-istqarrija tad-19 ta` Ottubru 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati."*

Illi inoltre ssir referenza ghall-kaz [qieghed fi stadju ta' appell) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Aldo Pistella deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn il-Qorti qalet hekk:

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt linterrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika lgurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Dan qed jinghad meta tqis wkoll illi fl-Art 3 tad-Direttiva tal-UE Nru. 2013/48/EU li b`effett tal-Avviz Legali 102 tal-2017 saret parti mil-ligi taghna, jinghad hekk dwar id-dritt ta` access ghal avukat fi proceduri kriminali :-*

*1. Member States shall ensure that suspects and accused persons have the right of access to a lawyer in such time and in such a manner so as to allow the persons concerned to exercise their rights of defence practically and effectively.*

*2. Suspects or accused persons shall have access to a lawyer without undue delay. In any event, suspects or accused persons shall have access to a lawyer from whichever of the following points in time is the earliest:*

*(a) before they are questioned by the police or by another law enforcement or judicial authority;*

*(b) upon the carrying out by investigating or other competent authorities of an investigative or other evidence-gathering act in accordance with point (c) of paragraph 3;*

*(c) without undue delay after deprivation of liberty;*

*(d) where they have been summoned to appear before a court having jurisdiction in criminal matters, in due time before they appear before that court.*

*3. The right of access to a lawyer shall entail the following :*

*(a) Member States shall ensure that suspects or accused persons have the right to meet in private and communicate with the lawyer representing them, including prior to questioning by the police or by another law enforcement or judicial authority;*

*(b) Member States shall ensure that suspects or accused persons have the right for their lawyer to be present and participate effectively when questioned. Such participation shall be in accordance with procedures under national law, provided that such procedures do not prejudice the effective exercise and essence of the right concerned. Where a lawyer participates during questioning, the fact that such participation has taken place shall be noted using the recording procedure in accordance with the law of the Member State concerned;*

*(c) Member States shall ensure that suspects or accused persons shall have, as a minimum, the right for their lawyer to attend the following investigative or evidence-gathering acts where those acts are provided for under national law and if the suspect or accused person is required or permitted to attend the act concerned:*

*(i) identity parades;*

*(ii) confrontations;*

*(iii) reconstructions of the scene of a crime.*

*4. Member States shall endeavour to make general information available to facilitate the obtaining of a lawyer by suspects or accused persons. Notwithstanding provisions of national law concerning the mandatory presence of a lawyer, Member States shall make the necessary arrangements to ensure that suspects or accused persons who are deprived of liberty are in a position to exercise effectively their right of access to a lawyer, unless they have waived thatright in accordance with Article 9.*

…

*L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija sostnew li l-fatt li d-dritt li nghata lil persuni li jkunu se jirrilaxxjaw stqarrija lill-pulizija ezekuttiva bl-Avviz Legali 102 tal-2017 li dahal fis-sehh fit-13 ta` April 2017 ma jfissirx li awtomatikament inkiser id-dritt fondamentali ta` kwalunkwe persuna li tkun irrilaxxjat stqarrija qabel it-13 ta` April 2017.*

*Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn iddritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijietwaqt l-*

*interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti. Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont talkonsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid talistqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.*

*Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll. Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur taljedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet.*

*Provvediment*

***Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda twiegeb ghar-referenza li saret lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" billi tiddikjara illi l-fatt li l-akkuzat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux id-dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija jkun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u talLibertajiet Fondamentali tieghu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata lillPulizija Ezekuttiva tkun prova fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" pendenti quddiem il-Qorti talMagistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.***

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'**[1], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienet ikkunsidrat li:

[1] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG)

*'Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar- rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezercita dan id-dritt, u illi s- sentenza citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn ghal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma thalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija. Il-Qorti rat pero illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu m'huwiex illi ma thalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (hlief fir-rigward tat-tieni wahda), izda proprju illi l-assistant legali tieghu ma kienx prezenti waqt it- tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur. M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f'dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan. Fis-sentenza fl-ismijiet Panovits v. Cyprus deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Dicembru 2008 intqal illi: "...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."*

*Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet Dayanan v. Turkey deciza mill- Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009 u citata fir-rikors promour tar-rikorrent:*

*"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case- law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*

*Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas- sentenza ta' Salduz b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl- ismijiet Brusco v. France deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:*

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

*Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet Navone and others v. Monaco deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il- Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni*[2]*, kienet leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq:*

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires : une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(...)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill- arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit- traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."*

*Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u*

[2] *Bhas-sistema Maltija f'dak iz-zmien.* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tnejn (2) fis-sentenza ċitata)

*evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il- garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l- interogazzjoni.*

*M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.*

*Il-Qorti pero ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir- rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal- interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat dialysis, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat dialysis. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda record tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir- rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat dialysis u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil- kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat dialysis.*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar- rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli, specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat dialysis. Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d- depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.*

*Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti - "compelling reasons" - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz*

*minhabba l-vulnerabbilita tar- rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.*

*Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.'*

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw din is-sentenza, fejn il-Qorti[3] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat:

*'35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.*

*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil- proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l- kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir- rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal- proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill- Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil- kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad- dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id- dritt fundamentali tar-*

[3] Sentenza fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. (1) Avukat Generali; u (2) Kummissarju tal-Pulizija' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 (Rikors numru 92/16 JPG)

*rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali'*

Il-Qorti Kostituzzjonali kienet laqghet limitatament l-appell tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija fejn laqghet l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri huma intempestivi u ordnat minflok li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu fil-proceduri kriminali miz-zewg stqarrijiet rilaxxjata mir-rikorrent. Din is-sentenza deciza ricentement ghalhekk tikkonferma li stqarrijiet rilaxxati minghajr il-prezenza tal-Avukat ma ghandhomx ikunu ammissibli fil-proceduri kriminali.

Illi ghaldaqstant jirrizulta car u inekwivoku mill-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali ksur jissussisti wkoll mal-fatt illi l-persuna tirrilaxxa stqarrija minghajr ma jkollha l-avukat prezenti maghha propju bhalma ghandna fil-kaz odjern.

Illi ghalhekk fil-kaz in ezami l-appellant tirrileva illi l-istqarrijiet rrilaxxati minnha huma inammissibili u mghandha ssir l-ebda referenza ghalihom u dan peress illi ttiehdu minghajr mal-appellanta kellha d-dritt illi jkollha prezenti l-avukat maghha u dan jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha senjatament id-drittijiet tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**B. <u>L-illegalita' tal-istrip search illi saret fuq l-appellanta</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi l-appellanta tikkontendi illi t-tfittxija ossia l-istrip search li saritilha hekk kif hija dahhlet ghaz-zjara gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin kienet wahda illegali u irregolari u dan minhabba diversi ragunijiet.

Illi fl-ewwel lok irrizulta mill-provi prodotti illi l-prassi gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin hija illi l-Ufficjali tal-Habs jinfurmaw lill-vizitatur li ser issirlu strip search u kemm il-darba dan jirrifjuta, allura jintalab jitlaq. Jirrizulta wkoll illi l-vizitatur ma jigix infurmat illi jista' jirrifjuta din l-istrip search. Kien proprju dan li gara fil-kaz odjern ossia illi l-appellata giet infurmatha li kienet ser issirilha strip search, ma kienx hemm rifjut da parti taghha u ghalhekk din it- tfittxija saret, bir-rizultat illi meta gie innutat oggett suspettuz fil-parti taghha, din imbaghad riedet titlaq u ma

thallietx. L-appellanta tikkontendi illi l-fatt illi l-appellanta ma gietx avzata illi hija setghet tirrifjuta din it-tfittxija, irrenda dak kollu li sar illegali u rregolari.

Illi r-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 jghid hekk:

*"(1) Kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier ghandha tikxef l-identita` taghha lill-ufficjal tal-habs responsabbli.*

*(2) Id-Direttur jista' jordna li ssir tfittxija fuq kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier. Dik it-tfittxija ghandha ssir minn ufficjal tal-habs ta' l-istess sess bhall-vizitatur u ghandha tigi dokumentata fir-registru msemmi fir-regolament 52(9).*

*(3) Kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identita` taghha jew li toqghod ghal ordni tad-Direttur skond is-subregolament (2) ghandha tigi michuda permess biex taghmel iz-zjara.*

*(4) Il-kazijiet kollha li fihom zjara tigi michuda taht is-subregolament ta' qabel dan ghandhom jigu dokumentati fir-registru msemmi fir-regolament 52(9)."*

Dan ifisser illi skont dawn ir-Regolamenti, id-Direttur tal-Habs jista' jordna tfittxija fuq vizitatur ossia persuna li tmur gewwa l-habs sabiex izzur prigunier u jipprovdi illi kemm il-darba dak il-vizitatur jirrifjuta li joqghod ghal tali ordni ta' tfittxija, huwa ghandu jigi mcahhad milli jaghmel dik iz-zjara. Huwa minnu illi r-Regolament ma jghid jew jezigi illi l-ufficjali tal-habs ghandhom javzaw lill-vizitatur li huwa jista' jirrifjuta li joqghod ghal tfittxija li tigi ordnata mid-Direttur tal-Habs izda propju dan in-nuqqas irendi kull tfittxija illegali stante' illi persuna ghandha tigi infurmata bid-drittijiet taghha. Illi huwa inutli illi l-ligi taghti d-drittijiet legali lill-persuna liema drittijiet ma jigux mgharrfa lill-persuna kkoncernata. Illi bhalma per ezempju persuna illi jekk titwaqqaf mill-Pulizija wara suspett ragjonevoli illi kienet qed issuq taht l-influwenza tax-xorb u l-Pulizija jkunu jridu jaghmlu t-test tan-nifs fuq il-persuna, ghandhom l-obbligu legali illi jinfurmaw lill-persuna kkoncernata illi huwa jista' jirrifjuta tali test tan-nifs, l-istess fil-kaz odjern, id-Direttur ghandu u kellu l-obbligu illi jinforma lill-vizitatur illi jista' jirrifjuta illi jissoggetta ruhu ghal strip search u johrog mill-habs haga li ma saritx fil-kaz odjern.

Illi billi l-kliem inniffsu tar-regolament li ma jezigix tali avviz lill-vizitatur, ma jfissirx illi wiehed mghandux jinforma lill-vizitatur apparti illi tali nuqqas ghandu jimmilita favur l-appellanta fis-sens in-nuqqas f' ligi partikolari ma jirrendix tali ligi valida u regola izda anzi jrendiha illegali u leziva ghad-drittijiet tal-appellanta. Huwa minnu illi meta vizitatur jidhol gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex izur prigunier, dan ghandu jistenna li jissoggetta ruhu ghar-regoli ta' dik il-Facilita`, b' mod partikolari regoli li jassiguraw is-sigurta` tal-post u tal-abitanti tieghu izda ghandu jigi informat ukoll bl-obbligi u d-drittijiet tieghu. Illi mhuwiex minnu illi l-appellanta riedet tirrifjuta li tassoggetta ruhha ghal dawk ir-regoli izda anzi kieku kienet giet informata b' tali drittijiet kif johorgu mill-istess Regolament kienet tuzufruwixxi minn tali drittijiet. Ghalhekk, fl-umli fehma tal-appellanta kuntrarjament ghal dak konkluz mill-Ewwel Onorabbli Qorti, kien hemm irregolarita' lampanti fil- mod li bih l-appellanta giet assoggettata ghall-strip search li saret lilha.

Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi l-istrip search li saret fuq l-appellanta ma saritx skont il-ligi ghaliex ma kinitx awtorizzata mid-Direttur tal- Habs. Illi jigi rilevat illi l-Maggur Maria Vassallo li tat l-ordni in kwistjoni, ma kinitx awtorizzata mid-Direttur tal-Habs sabiex taghmel dan. Fl-inkartament kriminali kollu m' hemm l-ebda prova illi dakinhar, id-Direttur tal-Habs kien ta l-ordni in kwistjoni, li kienet biss il-Maggur li tat din l-ordni, liema Maggur ma kellha l-ebda setgha li taghmel dan.

Illi fil-fatt, ir-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 jaghti l-awtorita` lid-Direttur li jordna tfittxijiet fuq vizitaturi fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ir-Regolament 2, imbaghad, ifisser il-kelma ' Direttur' bhala:

*"id-Direttur tal-Habs u tinkludi, sal-limitu ta' l-awtorita` moghtija, kull ufficjal pubbliku iehor awtorizzat ghal hekk mill-imsemmi Direttur bl-approvazzjoni tal- Ministru ghal dak il-perijodu ta' zmien li l-Ministru jiddeciedi".*

F' dan il-kaz, jirrizulta mill-provi prodotti illi kienet l-SWCO Maria Vassallo li tat l-istruzzjonijiet li ghandha ssir strip search fuq il-persuna li kienet ser izzur lill-priguniera. Skont l-Ewwel Onorabbli Qorti la darba hija d-difiza li qeghda tikkontesta s-setgha tal-Maggur Maria Vassallo u li qeghda tallega illi din ma

kellhiex is-setgha li tordna tali strip search, allura kien jispetta lilha li ggib il-prova li l-Maggur Vassallo ma kellhiex din is-setgha jew fi kliem iehor, illi ma kinitx awtorizzata mid-Direttur sabiex taghti ordni li ssir tfittxija lill-imputata. L-appellanta umilment ma taqbilx ma tali konkluzjoni u dan anke minhabba illi hija l-Prosekuzzjoni illi trid tipprova l-kaz taghha lill hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni u l-akkuzat jista' ma jipprova xejn. Illi jinghad illi l-appellant m' huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*. Illi ghalkemm l-appellant mhuwiex tenut illi jressaq l-ebda prova huwa kemm *a tempo vergine* meta gie mitkellem mill-Pulizija u kemm quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa ghazel illi jixhed u jispjega x' gara dakinhar liema verzjoni tal-fatti kienet anke sahansitra korroborata minn xhieda ohra senjatament mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Illi mhux talli ghal kwalunkwe tfittixija fuq persuna gewwa l-bini tal-Facilita' trid tinghata l-awtorizazzjoni tad-Direttur tal-Habs, talli il-Kodici Kriminali tmur pass oltre' minn dawn ir-regolamenti u tiddetta illi kwalunkwe' tfittxija **intima** trid issir bl-awtorizazzjoni tal-Magistrat. *Di piu'* , artikolu 355AP tal-KAP 9 jiddetta:

*Meta l-uffiċjal li jagħmel l-arrest jew l-uffiċjal tal-kustodja jkollu suspett raġonevoli li l-persuna arrestata setgħet ħbiet fuq il-persuna tagħha xi droga li l-pussess illegali tagħha jikkostitwixxi reat kriminali jew xi oġġett ieħor li uffiċjal tal-kustodja huwa awtorizzat b' dan il-Kodiċi jew b' xi liġi oħra li jaqbad mill-pussess ta' persuna arrestata, dak l-uffiċjal jista' jitlob lil Maġistrat biex jordna perkwiżizzjoni intima tal-persuna arrestata;*

F' dan ir-rigward jigi innutat illi l-Ligi Sussidjarja lanqas biss ma hi konformi mal-Kodici Kriminali, stante' illi kif jidher mill-artikolu tal-Ligi, appena citat, tfittxija intima fuq persuna suspettata ghandha tirrikjedi l-awtorizazzjoni tal-Magistrat, u ghalhekk dan l-artikolu wahdu juri kemm tfittxija intima hija azzjoni u decizjoni li trid tittiehed b' certa sensittivita' u prekawzzjoni, ghall-kuntrarju ta' dak li sehh fil-kaz odjern.

Illi lanqas huwa minnu kif argumentat l-Ewwel Qorti illi hi ma rrifjutatx din l-istrip search jew tal-inqas ma tat l-ebda indikazzjoni li kienet qeghda tirrifjuta izda fil-

verita' hi rrifjutat u informat lill-Ufficjali li xtaqet tohrog minn hemm u li riedet titlaq, u dan fuq konferma tal-istess Ufficjali waqt id-depozizzjoni taghhom.

Illi dawn in-nuqqasijiet kollha li saru matul l-istrip search li saret fuq l-esponenti, huma kollha nuqqasijiet li ppregudikaw id-drittijiet fundamentali tal-istess esponenti, u dan peress illi mhux talli l-istess *strip search* ma saritx skont il-Ligi, talli l-Ufficcjali li wetquha la infurmawha bid-drittijiet taghha u wisq lanqas ma waqfu meta l-esponenti uriethom bic-car li kien qieghda tibza' , u riedet titlaq ' l barra!

Filfatt, il-Qorti Ewropea wkoll pronuncjat ruhha dwar l-*istrip searches,* fejn tenniet illi huwa veru li din it-tip ta' tfittxija tista' titqies bhala wahda umiljanti, pero' kultant hemm bzonn li ssir sabiex jipprevjenu milli jkun hawn dizordni u reati kriminali; pero' l-Qorti tenniet ukoll l-umiljazzjoni li ggib maghha din it-tip ta' tfittxija ma tistax tkun aggravata minn min qieghed imexxiha. Fil-kawza **Frerot v. France,** il-Qorti Ewropea tenniet:

*The Court accepted that a prisoner obliged to submit to a body search might view the procedure as an excessively intimate infringement of his dignity, especially when it required him to undress in front of another person and even more when he was instructed to place himself in embarrassing positions. However, body searches, including full body searches, might sometimes be necessary to maintain security inside a prison, to prevent disorder or prevent criminal offences.*

[…]

*That feeling of arbitrariness, the feelings of inferiority and anxiety often associated with it, and the feeling of a serious encroachment on one' s dignity undoubtedly prompted by the obligation to undress in front of another person and submit to a visual inspection of the anus, added to the other excessively intimate measures associated with strip searches, led in the Court' s view to a degree of humiliation which exceeded that which was inevitably a concomitant of the imposition of body searches on prisoners.* ***Moreover, the humiliation felt by the applicant had been aggravated by the fact that on a number of occasions his refusal to comply with these measures had resulted in his being taken to a disciplinary cell.***

Fil-kaz odjern, mhux talli l-esponenti ma kinitx infurmata li din setghet tirrifjuta li tissottmetti ruhha ghal tfittxija intima, talli meta bdiet tinforma lill-gwardjani li tixtieq titlaq minn gol-bini tal-habs, u x' hin bdiet "tippanikja", il-Gwardjani mhux talli ma hallewhiex titlaq talli ghamlulha t-tieni (2) *strip search*!!

Ghaldaqstant, ghalkemm ir-regolamenti tal-habs diga' lanqas ma huma konformi mal-Kodici Kriminali, u l-Gwardjani tal-habs naqsu milli jsegwu ebda wahda minnhom, it-tfittxija kif saret fuq il-persuna tal-esponenti la kienet konformi mal-legislazzjoni Maltija u lanqas mad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u ghalhekk l-imsemmija tfittxija kellha tkun dikjarata wahda illegali.

**C. <u>Piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghda tinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront taghha mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment tirrileva illi l-piena moghtija u cioe' dik ta' tnax-il (8) xahar prigunerija u elf u mitejn ewro (1,200) multa hija wahda eccessiva.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** <u>moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003),</u> il-Qorti qalet illi:

> *' Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi*

*ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' *Probation*.

*' Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

' Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-appellant illum il-gurnata hija bniedma totalment riformata fejn waqfet mill-abbuz tad-droga u mghadhiex tiehu d-droga fejn fil-fatt illum hija clean u ilha hekk ghal diversi snin. Ghalkemm l-appellanta kellha vizzju serju ta' droga, hija ilha hielsa mid-droga mis-sena 2010. Kompliet l-istudji taghha b' success fejn anke gradwat u bdiet tahdem fin-negozju tal-familja.

Illi inoltre qisu bhal donnu l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena inflitta t-trapass konsiderevoli taz-zmien bejn iz-zmien tal-akkuzi u d-data tas-sentenza. Ill dan it-trapass taz-zmien, kif jirrizulta car minn l-istess verbali tal-Qorti, zgur li ma kienx minhabba xi nuqqas attribwibli lill-appellanti nnifisha.

Din il-Qorti, f' diversi okkazzjonijiet kellha l-opportunita illi tippronunzja ruhha fuq l-effett tat-trapass taz-zmien fuq il-piena, u senjatament ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

> *it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.*

Issir ukoll referenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Puliziija vs Nicola Farrugia, John Bugeja, u Loreto Bonello u ommisis**, datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti ta' l-Appell irreteniet illi:

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kkagunat jew provokat minnu stess – kif gara f' dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.*

Ghalhekk, in vista ta' dak kollu suespost, l-esponent umilment tirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issibha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant ghandha tigi liberata; filwaqt illi jekk kellha tinstab htija fil-konfront tal-appellanta, u dan qieghed jinghad minghajr ebda pregudizzju, il-piena erogata fil-konfront taghha kellha tkun aktar ekwa u gusta u dan in vista tal-kambjament radikali illi ghamlet l-appellanta kif anke kkonfermat minn terzi persuni illi xehedu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll minhabba t-trapass taz-zmien apparti elementi ohra illi se jigu trattati waqt il-kors tal-appell.

Semghet lill-partijiet jttrattaw il-kawza u dan fis-seduta ta l-1 ta Novembru 2018.

Ikkunsidrat;

Nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) l-appellanta tressqet b'arrest u wiegbet li mhux hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed l-**Ispettur Spiridione Zammit** li qal li fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal habta tat-3:00pm, il-Pulizija ta' Rahal Gdid gew infurmati minn CCF li vizitatur Claire Farrugia ID 15979(M) kellha xi oggett suspettuz fuq il-persuna taghha. Kienet marret WPS 167 Grech fil-post maghruf bhala id-Debituri fil-habs u kellmet li WSCO Mary Azzoardi kif wkoll WSCO 6 Carmen Briffa fejn dawn qalu li wara li ghamlu strip search, dawn kienu nnutaw oggett abjad fil-parti intima taghha. Jghid li meta mitkellma mis-surgenta kkoperat u ddecidiet li tnehhi dan l-imsemmi oggett suspettuz mill-parti taghha u rrizulta li kienu 3 boroz zghar tal-plastic bi trab kannella suspettat eroina. Jghid li rrizulta li l-imputata kien ser ikollha vista mal-priguniera Elaine Rapinett.

Ix-xhud jghid li kif gie infurmat, informa lil dak iz-zmien Magistrat Dr Miriam Hayman fejn gew nominati diversi esperti fosthom Mario Mifsud, PS 464 Abela kif ukoll Martin Bajada biex jghinuha fl-inkjesta. Jghid li kienu saru requests minhabba t-telefonati minn gewwa CCF u kienu wkoll nghataw struzzjonijiet min-naha tieghu biex Elaine, il-priguniera ma tigix mhallija taghmel telefonati u jinqatghulha l-contacts visits li kien ser ikollha fil-futur. Jghid li fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) kien interroga lill-imputata li huwa gharaf fl-Awla. Jghid li ma ghazlitx li tikkonsulta ma Avukat ta' fiducja taghha jew PL qabel l-interrogazzjoni u ammettiet li kienet ser taghti l-imsemmija oggetti li kienu droga eroina lil Elaine. Qaltlu li filghodu stess kienet cemplet diversi drabi Elaine biex tiltaqa ma persuna li skont Claire ma kinitx taf fejn l-Mcast ghal habta tas-2:30pm, jghid li filfatt dan il-persuna ltaqghet mieghu. Tghid li kien qed jaghmel uzu ta' vettura skura li ma tafx l-ghamla taghha u qalet li taghha l-oggetti maqbuda minghajr ebda pagament. Jigifieri skont Claire ma kinitx halsitu. Stqarret li Elaine kienet irrangat kollox mas-supplier

taghha minn gewwa CCF. Kienet lesta li tikkonferma l-istqarrija bil-gurament u nghatat *police bail* ghall-ghada filghodu stess l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn din l-istqarija giet kkonfermata bil-gurament quddiem dak iz-zmien Magistrat Miriam Hayman. Jghid li l-oggetti kienu ta' piz 1.15 grammi u 0.67 grammi u kienu jikkontjenu trab kannella suspettati eroina. Jghid li kien sema l-konverazzjonijiet bejn it-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) mid-9:30am sat-tlieta (3) ta' Novembru fit-3:30 maghmulha minn Elaine fuq il-mobile taghha u landline. Jghid li l-konverzazzjonijiet kienu jindikaw li Elaine tat lil Claire mobile number biex imbghad ccempillu. Qal li kien ra il-mobile number u stabilixxa li Claire cemplet dan in-numru u t-telefonati recorded kienu gew moghtija lil Martin Bajada biex jaghmel it-*transcripts* u *profiles* fl-Inkjesta. Jghid li kien investiga lil Elaine fl-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011). Wara li ghazlet li ma tikkonsultax mal-Avukat qabel l-interrogatorju u din innegat li kienet taf bil-bicca tax-xoghol. Jghid li jirrizulta li n-numru kien japartjeni lil Justin Zahra li kien investigat minnu fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) u wara li ghazel li ma jikkonsultax mal-avukat tieghu qabel l-interrogatorju, stqar li Elaine Rapinett kienet tibghatu ghand ommha biex jigbor xi flus u mbghad dawn jaghtihom lil Claire u flimkien imorru Rahal il-Gdid biex jixtru l-eroina. Hu nnega li jaf is-supplier minn kien pero' Claire kienet tiltaqa mieghu fejn l-Mcast wara li jwassalha hu bil-karozza.

Xehed li Justin dakinhar wassal lil Claire, u Claire hadet id-droga u kienet ser iddahhalha gewwa CCF. Xehed li Elaine imbghad ccempel lil Justin mill-habs u hemm hekk tghidlu *all right* u kien ifisser li d-droga kienet dahlet. Kien ikkonferma dan kollu quddiem il-Magistrat Dr. Neville Camilleri dak inhar stess fl-ufficcju tax-xhud fejn ikkonferma li kien hemm darbtejn ohra fejn Claire kienet dahhlet id-droga lil Elaine Rapinett u dan jafu ghax kien wasalha hu u kienet cemplitlu Elaine u qaltlu '*hemmhekk all right*' u dan kien ifisser li d-droga kienet dahlet.

Xehed li fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), Claire kienet giet investigata minnu u mill-Ispettur Dennis Theuma fejn din ghazlet li ma tikkonsultax ma Avukat qabel l-interrogatorju u hemmhekk Claire kienet ammettiet li mill-inqas kien hemm tlett (3) darbiet ohra qabel it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax

(2011) li hemm hekk kien rnexxielha taghmel vista ma Elaine gewwa CCF u ghadditilha d-droga eroina. Hu esebixxa Dok SZ1 stqarrija tal-Pulizija fejn hu gharaf il-firma tieghu kif wkoll ta' WPS 167 kif ukoll tal-imputata li ghazlet li tiffirma. Esebixxa wkoll Dok SZ2 dikjarazzjoni ta' rifjut ta' parir legali qabel l-interrogatorju u Dok SZ3 stqarrija ohra datata l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012). Huwa gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur Dennis Theuma u tal-imputata Claire Farrugia. Esebixxa wkoll rapport tal-Pulizija.

L-Ispettur Spiridione Zammit in kontro-ezami jghid li sema recordings moghtija lilhom fejn gie stabbilit li kien hemm visti ohra. Qal li hu jaghmel request lil ufficjal inkarigat minn dawn it-telefonati fejn hu jghaddilhom l-konversazzjonijiet. Mistoqsi jekk waslu ghax din il-procedura mit-telefonata wiegeb li le, spjega li l-ewwel l-imputata inqabdet fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u minn hemm irrizulta li kien hemm drabi ohra u mbaghad hi stess ammettiet. Jghid li t-telefonata smaha wara li inqabdet. Jghid li ma ttepjawx telefonati. Jghid li Claire kienet diehla fil-vista tat-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011), kien hemm oggetti misjuba, kkoperat mal-Pulizija u taghtomlha. Irrizultaw li kienu tlett (3) boroz u bdew jinterrogaw. Jghid li gab it-telefonati u semahom. Jghid li jaghmel request lil CCF, lil persuna 'i*n charge mill-monitoring tal-calls tal-habs*'. Spjega li kull telefonata fil-habs hija *recorded*. Jghid li l-priguneieri ghandhom cards u jcemplu u l-*outgoing calls* jigu recorded. Mistoqsi jekk it-tapping taghhom isirx biss bl-awtorizazzjoni tad-Direttur tal-Habs wiegeb li ma jafx. Jghid li jitolbu ghar-recording tat-telefonata lil certu Clint Zahra mil-habs. Talab ir-recording dak in-nhar stess tal-incident. Huwa cahad li sema t-telefonati qabel l-incident. Jghid li nqabdet il-persuna suspettata bix-xoghol u sar l-arrest u giet infurmata l-Magistrat u minn hemm ghamlu r-requst u hu talab minn ftit qabel l-incident. Jghid li dak inhar qaltilha '*mur hemm hekk u tgahtha n-number tal-mobile u sar ix-xoghol*'. Qal li t-telefonati gew mghoddija lil Dr Martin Bajada biex jigu annalizati. Jghid li sa fejn jaf hu prigunieri ma jistax ikollhom mobiles. Ma jiftakarx semmewliex it-telefonati waqt l-interogazzjoni imma jahseb li semmawla bicca. Ma jafx jekk din tirrizultax mill-istatement.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet **WPS 167 Justine Grech** li gharfet l-istqarrija tal-imputata mmarkata bhala Dok SZ1 u gharfet il-firma taghha. Tghid li qabel ma rrilaxxat l-istqarrija, l-Ispettur taghha t-twissija tas-soltu, jekk tridx tikkonsulta ma' Avukat tal-ghazla taghha u rrifjutat dan id-dritt, taghha wkoll is-solitu twissija u li dak li tghid jista' jintuza kontra taghha. Tghid li nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal habta tat-3:00pm rcieviet telefonata minn gewwa CCF li kien hemm persuna femminili Claire Farrugia li kienet marret biex tinvista lil xi priguniera u kien hemm suspett li kellha sustanza illegali fuqha. Tghid li marret fuq il-post fejn tkellmet ma WSCO Mary Azzopardi u qatltilha li WSCO 6 Carmen Briffa kienu ghamlu strip search lil Claire Farrugia minhabba suspett li kellha xi haga llegali fuqha u waqt l-istrip search rat bicca tissue fil-parti intima taghha. Tghid li kompliet tghid li qalet lil Claire Farrugia kellha xi haga bajda mill-parti taghha u din ppanikkjat u riedet bil-fors tohrog 'l barra. Tghid li Mary Azzopardi stqarret li hija nfurmat lil ufficjal inkarigat tal-SRT u talbet l-assistenza tal-Pulizija. Ix-xhud tghid li marret fuq il-post fejn tkellmet ma Claire Farrugia u qalitlha li ser ssirilha strip search ohra minhabba suspett li kellha xi sustanza llegali fuqha. Xehdet li infurmata wkoll li ahjar jekk tikkopera maghha u waqt it-tifittxija Claire Farrugia harget minn jeddha mill-parti taghha tissue li kien fiha borza zghira bi trab kannella suspettat droga kif wkolll zewg boroz zghar bi trab abjad supsettat droga. Giet infurmata li kienet tinstab taht arrest u li kellha dritt tikkonsulta ma Avukat tal-ghazla taghha, liema dritt hija rrifjutat li taghmel uzu minnu. Tghid li l-sustanza suspettata droga giet elevata u mghoddija lill-Ispettur Spiridione Zammit li gie nfurmat rigward il-kaz. Hija prezentat rapport mmarkat bhala Dok JG1. In kontro-ezami tghid li l-priguniera kienet qed tinzamm CCF. Ikkonfermat li rcevew telefonata minn CCF biex imorru jaghmlu strip search fuq persuna ghax kienet femminili. Ma tafx minn ghand minn irceviet it-telefonata ghax ma haditiex hi. Cemplitilha xi hadd mis-Special Response Team (SRT) parti mill-Habs ukoll. Tghid li kellha naqra xoghol u damet ma marret. Tghid li kienet wahedha meta marret fuq il-post u li Mary Azzopardi u Carmen Briffa huma ufficjali tal-habs. Tghid li kienu diga ghamlu l-istrip search fuqha. Cemplu biex jinfurmaw lil Pulizija li kien hemm persuna b'suspett ragjonevoli li kellha xi sustanza fuqha. Ma

tafx jekk dawn li ghamlu l-istrip search ottjenewx l-awtorizazzjoni tas-superjuri taghhom qabel ma ghamlu l-istrip search. Ghamluha ftit qabel it-3:00pm, qabel cemplu.

Fir-rapport tal-Pulizija li jidher a fol 41 et seq u mmarkat bhala JG1 jinghad li '*Illum 03/11/2011 ghall habta ta 15:00hrs ircevejna telefonata mill facilita Korretiva ta Kordin illi kien hemm persuna femminili Claire Borg illi kienet marret biex tinvista lill priguniera u kien hemm suspett illi kellha xi sustanza illegali fuqha.*

*Il-pulizija marret fuq il-post fejn tkellmet ma a/wsco Mary Azzopardi fejn stqarret illi hi u wsco 6 Carmen Briffa kienu ghamlu strip search lill Claire Farrugia minhabba suspett li kellha xi haga illegali fuqha u waqt l-strip search rat bicca tissue fil parti genitali taghha . Hija kompliet tghid illi qalet lill claire Farrugia illi kellha xi haga bajda mal parti taghha u din ippanikjat u riedet bil fors tohrog il-barra . Il-maggura tal habs Mary Azzopardi stqarret illi infurmat l-ufficjal inkarigat minn tal SRT u intalbet l-assistenza tal-pulizija.*

*Il-pulizija marret fuq il-post fejn tkellmet ma Claire Farrugia u qaltilha illi ser jerga isirilha strip search ohra minhabba suspett ragionevoli li kellha xi sustanza illegali fuqha. Il-pulizija infurmata ukoll illi ahjar li tikkopera u waqt it-tficcija Clair Farrugia minn jedda harget mill parti taghha tissue li fijha kien hemm borza zghira bi trab kanella kif ukoll zewg boroz tondi zghar bi trab abjad. Hija giet infurmata illi tinsab taht arrest u inghatala id-dritt li tikkonsulta mal-avukat ta l-ghazla taghha, l-iema dritt hija irrifjutat li tghamel uzu minnu. Is-sustanza suspettata droga giet elevata u giet mghoddija lill L-spettur S.Zammit li gie infurmat rigward il-kaz, u min naha tieghu aktar stharrig ghadu ghaddej.*

*F'dan il-kaz saret inkjesta magisterjali mis sinjurija taghha l-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. li fiha hatret lil spizjar Mario Mifsud, u Ps 465 D. Abela SOCO biex jghinuha f'din l-inkjesta.*

*Claire giet investigata mill Ispettur Spiridione Zammit nhar it 03.11.2011 u Claire ghenet lil pulizija f'din l-investigazzjoni u investigazzjonijiet ghadhom ghaddejjin..*'

F'dan ir-rapport fejn jirrizulta l-kunjom 'Borg' gie koregut biex jaqra 'Farrugia', fejn tirrizulta li hemm firma u imnizzel 'WPS167'.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet **WCO 6 Carmen Briffa** li qalet li ila taghmel dan ix-xoghol il-habs ghal sentejn u nofs. Xehdet li fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal habta tat-3:00pm ghajtitilha l-maggura biex jaghmlu strip search . Tghid li x'hin bdiet tinza, l-maggura Mary ssuspettat li kellha xi tissue. Talbieta biex taghtihieli, tghid li dak il-hin bdiet tghidilhom '*le m'ghandi xejn m'ghandi xejn, halluni mmur, halluni mmur.*' Tghid li mbaghad ghajtet xi membri tal-SRT dak il-hin u mbghad ma tafx x'gara iktar. Tghid li hi ma ratiex din il-bicca tissue ghax '*mill-angolu li kont ma stajtx naraha. Ghax il-kamra hija ferma zghira fejn jaghmlu s-searches. Pero jien smajt lill-maggur tghidilha 'aghtihieli'.*' Ma rat lil hadd jaghti xi haga lil xi hadd, tghid li x'hin regghu ghamlulha s-search ma kinitx prezenti.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet **WCO Mary Azzopardi** li qalet li fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) giet ordnata mill-maggur Maria Vassallo biex jaghmlu strip search ta' Claire Farrugia. Tghid li l-istruzzjonijiet inghatalha mill-maggur Maria Vassallo. Tghid li ghal habta tat-3:00 giet Claire Farrugia u qaltilha li ser issirilha strip search u accettat u x'hin waslet f'certu posizzjoni, qaltilha biex iddur u titbaxxa u ratilha bicca tissue suspetatata. Tghid li hi staqsietha x'inhi, tghid li '*Din kienet pronto dahhlitha 'l gewwa. Bdiet tippanikkja hafna u riedet tohrog 'l barra. Jiena ghidt lir-reception, ghidtlu cempel lil tal-SRT. Gew u fosthom kien hemm CO 85 li cempel l-ghassa biex ninfurmaw fuq din il-haga. Wara xi nofs siegha giet WPS 167 u PC 154 u ghamilna rapport. WPS 167 kellmet lil Claire Farrugia u ergajna ghamilna strip search iehor. U din qaltilha li ghandek aghtihuli. U ghaddiet li kellha mill-parti taghha u taghtha f'idejn WPS 167.*'

Tghid li fit-tissue kien hemm tlett (3) bococ suspettati li kien fihom trab kannella. Hi gharfet lill-imputata fl-awla. Tghid li l-imputata marret il-habs biex tara lil Elaine Rapinett. Mistoqsija jekk kinitx taf lill-imputata qabel qalet li iva izda l-Avukat difensur oppona ghal mistoqsija. Mistoqsija jekk il-persuna li xehdet qabel kinitx prezenti wiegbet li iva kienu tnejn. Tghid li kien hemm WCO 6 Carmen Briffa. Tghid li l-maggur Maria Vassallo ma kinitx waqt l-istrip search, izda hadu l-istruzzjonijiet taghha. Mistoqsija jekk qaluliex qabel li sar l-istrip search li tista' tinkrimina ruhha u li qabel ma taghmel l-istrip search ghandha dritt tikkonsulta Avukat, wiegbet li le.

Mistoqsija in ri-ezami jekk mhux wahda ghamlet strip search wiegbet li ghamlet hafna u qalet li bhala procedura meta ssir strip search ma jaghtuhom xejn dwar drittijiet. Qalet li '*Ahna nghidulhom li ser ssirilhom strip search u imbghad jaghzlu huma. Jistghu jirrifjutaw*' Mistoqsija mill-Qorti x'jigri jekk jirrifjutaw qalek '*Jekk jirrifjutaw johorgu 'l barra mill-habs u jkollhom certu ammont ta' zmien ma jidhlux gol-habs sakemm tohrog ordni ohra*'. Mistoqsija jekk Claire Farrugia irrifjutatx, qalet li le. Mistoqsija mill-Qorti '*fejn taf li ma rrifjutatx?*' wiegbet '*ghax ma qaltlix lili. Riedet taghmlu strip search*'. Mistoqsija kinitx hemm meta staqsietha riditx taghmel strip search wiegbet *li* '*Jiena staqsejtha. Ghidtilha ser ssirlek strip search u qaltli iva*'.' Hi kkonfermat li ma tatx l-avvizi.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed l-**Ispettur Dennis Theuma** li xehed li dwar l-investigazzjoni li bdiet fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) kien hemm kemm kollega tieghu li kien qed jirrapprezenta d-distrett ghax fil-fatt grat fl-ghassa tieghu meta kien qed ilahhaq CCF, il-kollega tieghu l-Ispettur Spiridione Zammit u hu kien duty officer id-Drug Squad fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u assistieh. Jghid li f'dak l-istadju iktar bhala konsultazzjoni ghax fil-fatt l-ewwel stqarrija kien hadhielha l-ispettur Spiridione Zammit. Jghid li hemm stqarrija ohra li haduha fl-ufficju tax-xhud hu u l-Ispettur Spiridione Zammit. Jghid li regghu hadu l-istqarrija addizzjonali ghal raguni semplici li minn investigazzjonijiet ulterjuri tal-Ispettur Spiridione Zammit, irrizultalhom li apparantement kien hemm iktar minn okkazzjoni wahda fejn l-imputata Claire Farrugia kienet dahlet id-droga ghal inmate u riedu jiccaraw dan u kienu bghatu ghaliha u Claire Farrugia kienet marret minn jeddha. Jghid li kienu regghu tawha d-dritt li tkellem avukat li hi rrifjutat u kienu tawha ukoll it-twissja li ghandha dritt ma twegibx u li dak kollu li tghid jitnizzel bil-miktub u jista jingieb bhala prova u effettivament rrilaxxat stqarrija lill-Ispettur Spiridione Zammit bhala Dok SZ3. Jghid li fuq din l-Istqarrija qed jgharaf il-firma tieghu, ta' Claire Farrugia u l-firma tal-Ispettur Spiridione Zammit. Jghid li fl-istqarrija ammettiet li kien hemm iktar minn okkazzjoni wahda fejn hi dahhlet id-droga lil Elaine Rapinett gewwa CCF. Tghid li xi tlett (3) darbiet.

In kontro-ezami jghid li ma ghamilx strip search, jghid li interrogaha xhur wara. Ikkonferma li l-prova ewlenija kienet is-sustanza li sabu fuq il-persuna taghha. Ma jafx il-procedura tal-istrip search fil-habs. B'referenza ghal procedura ta' meta persuna tirrifjuta li jsirilha strip search hi u diehla l-habs li xehdet dwarha x-xhud ta' qabel jghid li minghalih li hekk hi pero biex ikollu konferma assolutu, jtellghu rapprezentant tal-habs. Dwar telefonata, jghid li '*Kien briefjani l-kollega l-Ispettur Spiridione Zammit*', hu ma semax telefonati u lanqas jaf id-dati taghhom. Jghid li l-Ispettur Spiridione Zammit kien qed jaghmel l-investigazzjoni minn naha tieghu u hu ma setghax jassistieh fizikament fit-tlieta (3) ta' Novembru u fil-granet ta' qabel ghax kellu xoghol iehor u jghidlu kif sejrin l-investigazzjonijiet u semmielu li kien hemm xi telefonati u li sema' dawn it-telefonata imma jghid li hu ma semahomx. Mistoqsi jekk f'xi hin waqt l-interrogatorju semmaliex dawn it-telefonati, jghid li le. jghid li ma hass li kellu jsemmahomlha.

Fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **Dr Martin Bajada li** qal li kien nominat mill-Magistrat Inkwerenti Dr Miriam Hayman sabiex johrog il-kontenut minn fuq *cellular* u jikseb *call profile*. Huwa prezenta r-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok MB1. Jghid li l-*call profiles* huma mmarkati bhala Dok CP. Jghid li gie moghti *filtered calls* li saru minn CCF ta' Elaine Rapinett li huma annessi bhala Dok FC. Jghid li qed jirritorna l-filtered calls tad-detenuta Elaine Rapinett. Dok. MB huwa c-cellulari. Mistoqsi ghandux warrant mill-Kummissarju tad-Data jew inghatlux tas-servizz sigriet jghid li dawn huma filtered calls tal-habs, mistoqsi jekk qalulux jekk ghandhomx permessi mill-awtoritajiet wiegeb li le huwa gie moghti filtered calls u zammhom biex ikun hemm kontinwita.

Skont il-verbal tas-seduta tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) l-Avukat difensur tal-appellanta dak iz-zmien irregistra oggezzjoni ghal produzzjoni ta' Dok MB1 minhabba li '*dak li qed jigi deskritt bhala filtered calls, ittiehdu mill-awtoritajiet tal-habs u gew mgghoddija lill-espert li ghadu kemm appena xehed sabiex jkunu prodotti bhala prova f'din il-kawza b'mod illecitu u kontra l-ligi peress li dawn ttiehdu minhhajr l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fosthom il-Kontrollur tad-Data u l-Ministru responsabbli mis-Servizzi Sigrieti*'.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **Mario Zahra** li qal li ilu jahdem gewwa CCF ghal tlieta u ghoxrin (23) sena. Jghid li jahdem fuq sigurta. Bhala procedura xehed li '*Meta persuna tigi biex taghmel vista, tmur fil-visiting area, tigi registrata jigifieri jehdulha isimha u hekk u hija u diehla, l-ufficjali li jkun hemm, min jaghmel updown search u jkun hemm kazi fejn nordnaw strip search. F'kaz li jkun hemm min jigi ordnat biex jaghmel stip search u din jew dan jirrifjuta, il-persuna terga tohrog 'l barra mill-habbs u ma tithalliex taghmel il-vista.*'

Mistoqsi mill-Qorti x'inhi l-procedura biex isir strip search, huwa kwota r-regolament 58(2) tar-Regolamenti tal-Habs li tghid '*Id-dritettur jista jordna li ssir tfittxija fuq kull persuna li tkun waslet biex zzur prigunier. Dik it-tfittxija ghandha ssir minn ufficjal tal-habs tal-istess sess bhal-vizitatur u ghandha tigi dokumentata f'registru isemmi f'regolament 52(9)*'[4] Huwa rrefera ghar-regolament 58(3) '*Kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identita taghha jew li toqghod ghall-ordni tad-direttur skond is-subregolament (2) ghandha tigi michuda l-permess biex taghmel iz-zjara.*'[5]

Jghid li jekk ma toqghodx ghat tfittxija ghal strip search tigi michuda milli taghmel z-zjara lir-resident. Jaghmel referenza ghar-regolament 60 li jghid li '*Jekk id-direttur jkollu ghalfejn jissuspetta li visitarur jista jkun ikollu t-tendenza li jiddisturba s-sigurta, dixxiplina jew il-bon ordni tal-habs, huwa jista jipprojbixxi jew jissospendi z-zjara u jnehhi lill-visitatur mill-habs, waqt li jiddokumenta dak fir-registru msemmi fir-regolament 52(9).*'[6] Jghid li t-telefonati li jsiru minn inmates ikunu recorded kollha. Jghid li r-regolamenti jaghtuhom is-setgha li jistghu jisimghu x'inhu jinghad.

In kontro-ezami jghid li hu ma kienx prezenti ghall-istrip search tal-imputata. Mistoqsi jekk '*...inthom tghidulhom mela jekk ma tridx toqghod ghall-strip search, inti ma tistax toqghod ghaz-zjara, u pacenzja ohrog 'l barra, naqblu*?' wiegeb '*Ezatt.*' Mistoqsi jekk

---

[4] Din il-Qorti tifhem li x-xhud ghamel beda jirreferi ghar-regolament 58(2) tal-legislazzjoni sussidjarja 260.03 li jaqra: *Id-Direttur jista' jordna li ssir tfittxija fuq kull persuna li tkun waslet biex iżżur priġunier. Dik it-tfittxija għandha ssir minn uffiċjal tal-ħabs ta' l-istess sess bħall-viżitatur u għandha tiġi dokumentata fir-re[istru msemmi fir-regolament 52(9).*

[5] Din il-Qorti tifhem li x-xhud ghamel beda jirreferi ghar-regolament 58(3) tal-legislazzjoni sussidjarja 260.03 li jaqra: *Kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identità tagħha jew li toqgħod għal ordni tad-Direttur skond is-subregolament (2) għandha tiġi miċħuda permess biex tagħmel iż-żjara.*

[6] Din il-Qorti tifhem li x-xhud ghamel beda jirreferi ghar-regolament 60 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 li jaqra '*Jekk id-Direttur ikollu għalfejn jissuspetta li vizitatur jista' jkollu t-tendenza li jiddisturba s-sigurtà, id-dixxiplina jew il-bon ordni tal-]abs huwa jista' jipprojbixxi jew jissospendi ż-żjara u jneħħi lill-viżitatur mill-ħabs, waqt li jiddokumenta dak il-fatt fir-reġistru msemmi fir-regolament 52(9)*'

qabel ma jaghmlu l-istrip search jaghtuhomx l-avviz wiegeb li '*Min jigi vizitaturi jekk ikunu ilhom hemm u f'dan il-kaz anke jkunu inmates, jafuhom dawn l-affarijiet.*' Hu ma setax jirrispondi jekk jaghtuhomx avviz qabel ma ssir l-istrip search ghax qal li ma jkunx jahdem hemm isfel. Mistoqsi mill-Qorti '..*Inti li inti in charge mis-security, taf jekk bhala regola, ara l-ewwel haga is-security ta' kull min jidhol il-habs, dak jaqa' taht il-kontroll tieghek hux hekk?*' Wiegeb '*hekk hu*'. Jghid li ghandu nies inkarigati minn hemm isfel u trid tistaqsi lilhom. Jikkonferma li r-regolament huma legislazzjoni. Mistoqsi dwar min jista jwiegeb, jghid li hemm SCO Frans Agius.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet **Oriana Deguara,** Registratur assenjat l-Magistrat Marse-Ann Farrugia li prezentat process verbal numru 175/2012 redatt mill-Magistrat Dr Miriam Hayman u maghluq fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) dwar sejba ta' tliet (3) boroz bi trab kannella suspetata droga fuq il-persuna ta' Claire Farrugia li kienet vizitatur gewwa CCF fit-tieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u stqarrija guramentata ta' Claire Farrugia fl-erbgħa (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) mmarkat bhal Dok OD1.

Fil-process verbal hemm ix-xhieda tal-appellanta **Claire Farrugia** li inghatat quddiem il-Magistrat Miriam Hayman il-Magistrat Inkwirenti fl-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn ikkonfermat li lbierah ghal habta tal-5.00pm rrilaxxat stqarrija lill-Ispettur Spiridione Zammit. Hi kkonfermat li kienet hemm fuq l-ghazla taghha li tigguramenta l-istqarrija. Hija qablet li l-Ispettur Zammit qabel ma bdiet tigguramenta l-istqarrija taghha twissija li ghandha dritt ma twegibx u taghha d-dritt tal-assistenza legali. Inqratilha l-istqarrija u l-Qorti infurmata li issa huwa c-cans li tirranga u tibdel. Fl-istqarrija qalet li timmagina li kien smack, mistoqosija mill-Qorti ghala timmagina li kien smack qalet li ghax ma rathomx u Elaine Rapinett qaltilha biex iggibilha hekk. Mistoqsija ghad-diskors ezatt qalet '*Gibli dik*' u li hi fhemitha li ghad-droga li '*Fuq it-telefon tal-habs mhux ser titkellem car.*' Qalet li fehmitha ghax hi user tad-droga u taf li tiehu smack. Qalet li tafha barra, tafha qabel, ila tafha u li gieli ghamlitilha visti, gieli kellha telefonati ma Elaine Rapinett u li kienet l-ewwel darba li dahhlet id-droga. Meta l-Qorti kompliet taqralha l-istqarrija qalet li l-ewwel darba li haditilha u drabi ohra ma haditilhiex ghax ma kinitx tkun trid. Din id-darba tghid li

'*dejqitni tiffitta*'. B'referenza ghal '*skola*' fl-istqarrija spjegat li tistudja l-Mcast. Hija giet imfakra mill-Qorti '*diga tajtek il-caution li inti dan li qed tghid darba li tikkonfermah bil-gurament, jekk tinqabad tigdeb bi-gurament huwa reat ta' spergur punibbli bil-habs, qed tifmhu dan inti?*' wiegbet '*iva*'. Ikkonfermat li ma tafx min hi il-persuni li hadet id-droga minghandu, tghid li karozza Griza. Tghid li ma kelmitux, li ghandu xi 40, mistoqsija jekk twil? qasir? Wiegbet li gol-karozza kien u li xaghru imqaxxar. L-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li ghandhom il-mobile tas-sinjura.

Mistoqsija mill-prosekuzzjoni fuq liema tip ta' droga kienet il-habs wiegbet li fuq eroina. L-eroina tirreferiha ghaliha bhala smack. Tghid li ma ghandhiex problema bl-eroina issa u li ila li qatghet sena u hames (5) xhur. Tghid li kif harget mill-habs ezatt. L-ufficjal Prosekutur qalilha wkoll li qed jara l-ahhar mistoqsija fl-istatement mistoqsija jekk tiffirmahx l-istatement hemm miktub li le, li jahseb li zball. Mistoqsija mill-Qorti '*Mela gejt mistoqsija jekk tiffirmax dan l-istatement jidher li wegibt le pero dan l-istatement ffirmajtu, tkkonfermah inti?* wiegbet iva. Ikkonfermat li kienet fl-istess division ta' Elaine Rapinett il-habs u kkonfermat li kien hemm okkazzjonijiet fejn Elaine Rapinett taghtha mid-droga taghha biex tfieq waqt li kienu l-habs fl-istess division wiegbet iva. Mistoqsija kemm-il darba taghtha droga fil-habs wiegbet mhux hafna imma iktar minn darba. Tghid li kienet taghtiha Smack. Mistoqsija jekk kintix thallas ghaliha id-droga qalet '*Ma tantx. Mhux dejjem*', mistoqsija mill-Qorti '*Kont thallas? Iva jew le?*' wiegbet mhux dejjem. Mistoqsija kif kienet thallas ghaliha id-droga li kienet taghtiha Ealaine Rapinett qalet li '*jew bis-sigaretti*', mistoqsija jekk b'xi haga ohra apparti sigaretti, wiegbet li le. Mistoqsi dwar xi favuri ta' natura sesswali qalet li le. Tghid li dwar it-tehid ta' droga il-habs, kienu jibqghu goc-cella taghha l-iktar. Tghid li c-cella mhix kbira u ma tafx minn fejn kienet iggibha. Tghid li fejn titfa imsielet, tkun kaxxa zghira, affarijiet hekk. Mistoqsija kif kienu jikkonsmawha l-ismack billi jaharquha u l-foil minn tax-xirja. Mistoqsija jekk l-ismack kienx forma ta' trab, tikkonferma li forma ta' trab u tghid li kannella. Tghid li kien ikun go borza jew go karta. Mistoqsija kemm kienu tiehu u bhala ammont tghid li mhux xi hafna, forsi pakkett. Mistoqsija mill-Qorti 'Minn dak li kienet taghtik, kemm stajt tiehu?' Wiegbet '*Mhux hafna. Ftit hafna anzi*'. Mistoqsija jekk hi u Elaine Rapinett kienu jorqdu fl-istess cella wiegbet li le. Ma tiftakarx in-numru tac-cella li kienet Elaine Rapinett dak iz-

zmien imma tal-kanutinera. Tghid li wahedha. Ma tafx minn kien ikun hemm fil-kamra ta' hdejn ta' Elaine Rapinett. Tiddeskrivi lil Elaine Rapinett bhala twila, xaghra qasir u qawwija hafna, fiha mara, xaghra qasir u ghajnejha kannella. Mistoqsija waqt li kienu l-habs hadux droga ohra apparti smack, qalet li le. Hi kkonfermat li dik li tidher f''Dok SZ hija Elaine Rapinett. Giet mitluba tiffirma u taghmel id-data tal-lum.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **PS 465 Daniel Abela** li qal li fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) kien nominata bhala scene of crime officer mill-Magistrat inkwirenti Dr Miriam Hayman fl-atti ta' inkjesta dwar sejba ta' sustanza fuq Claire Farrugia li kienet vizitatur gewwa CCF. Jghid li kien mitlub mill-Ispettur Zammit biexx jaccedi gewwa l-ufficcju tieghu l-Fgura biex jiehu ritratti ta' xi qratas. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok. DA1.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed **ASCO Clint Zahra** li qal li huwa ufficjal inkarigat mill-control room tal-habs u ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal tmien (8) snin. Ikkonferma li telephone calls jaqghu taht il-mansjoni tieghu. Jghid li ghal telefonati ghandhom apparat u jigu monitored jew recorded.

Spjega li monitored jigifieri jismghuhom in real time. Jghid li jista' jismaha dak il-hin. Jghid ukoll li barra li tkun ghaddeja telefonata jista' jismaha, tigi awtomatikament recorded. Jghid li huwa possibli ghax jaqa taht ir-regolament 59 tal-Att Dwar il-Habs, Kapitolu 260. Jghid li dan ir-regolament jghid li '*telephone calls by prisoners shall be subject to the needs of security, discipline and good order for the prison and shall be considered as priviledge in terms or Regulation 13. All telephones within the prisons shall be equipped for monitoring and recording of conversations and the director may authorize the intentional hearing of such conversation to safeguard members of the public or the security or safety within the prisons or to prevent the federance of any illegal activity.*'[7]

[7] Din il-Qorti tifhem li x-xhud ghamel beda jirreferi ghar-reglament 59(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 li jaqra ' *It-telefonati li jsiru mill-priġunieri ghandhom ikunu skond il-ħtiġiet tas-sigurtà, dixxiplina u bon ordni fil-ħabs u għandhom jiġu kkunsidrati bħala privileġġ skond ir-regolament 13. Kull telefon fil-ħabs għandu jkun mgħammar b'apparat li jimmonitorja u jirrikordja konversazzjonijiet, u d-Direttur jista' jawtorizza s-smigħ intenzjonali ta' dawk il-konversazzjonijiet biex jissalvagwarda membri tal-pubbliku jew is-sigurtà jew sigurezza fil-ħabs, jew biex jimpedixxi l-promozzjoni ta' xi attività illegali.*'

Jghid li l-habs kollu jaf b'din il-procedura, mid-Direttu 'l-isfel sal-inqas ufficjal. Jghid li l-prigunieri jafu li huma recorded u monitored t-telefonati. Jghid li jafu ghax hemm notices imwahhlin. Jghid li qeghdin f'kull divisiion li ghandhom l-habs, jghid li hemm hmistax-il division u hemm wahda f'kull division zgur. Jghid li barra li hemm regolament 59 li jkompli jghid '*a notice shall be affixed inside the prison indicating that every telephone conversation mentioned in subregulation 1 may be monitroed and or recorded.*'[8] Mistoqsi kif inmates jistghu jikkomunikaw mal-esterm qal li ghandhom telephone box, tuza l-Easyline card biex iccempel. Jghid li inmate icempel fejn irid dment li jkun sentenzjat. F'kaz li jkun fuq arrest preventiv icempel biss lil minghandu permess.

Jghid li dawn il-card phones jinsabu f'kull division. Jghid li hemm divisions li ghandhom tnejn u hemm divisions lighandhom wahda, skond il-popolazzjoni tad-division. Jghid li fejn hemm division ta' 60 ruh hemm tnejn u fejn hemm division ta' 9 min nies hemm wahda. Jispjega li inmates ghandhom il-visti. Jghid li mhux suppost ikollhom telephone cellular. Mistoqsi mill-Qorti '*Voldieri jekk iridu jcemplu fuq mobile iridu juzaw il-card phone*' wiegeb '*Iva*'. Jghid li jistghu icemplu l-hin kollu bejn id-9:30hr u jiqfu 12:15pm imbghad hemm mis-2:15pm sat-8:00pm. Mistoqsija jekk inmate ma ghandix flus kif tista' ccempel wiegeb li jew ma ccempilx u jekk forsi jkollha bzonn taqbad lil Avukat jew xi telefonata urgenti, hemm dipartiment tal-Inmate services u jista' jcempel minn hemm, ikkonferma li minn telephone normali u taht is-sorveljanza tal-ufficjal. Mistoqsi jikkonferma jekk dwar ic-CD prezentata, din l-informazzjoni ghaddieha id-direttur tal-habs lil Pulizija bis-sahha tal-artikolu citai. Wiegeb iva u spjega wkoll li meta l-pulizija titlob informazjzoni ta' telefonati u gieli anke CCTV recordings, issir request form indirizzata lid-Direttur u attention lilu ghax jghmilhom hu dawn u jipproducu dak li jkollhom bzonn il-pulzija. Jghid li jekk ikollhom bzonn recordings ta' gurnata, jaghtuhom ir-recordings ta' dik il-gurnata. Jispjega li jekk jispecifikaw ghalih ahjar ghax ikun aktar konciz peress li hemm id-data protection. Jghid li kellu request ghal dak inhar mill-Ispettur Spiridione Zammit

[8] Din il-Qorti tifhem li x-xhud ghamel beda jirreferi ghar-regolament 59(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 li jaqra '*Għandu jitwaħħal avviż fil-ħabs li jindika li kull konversazzjoni bit-telefon imsemmija fis-subregolament (1) tista' tiġi monitorjata jew irrikordjata.*'

fejn huwa talab '*telephone recordings and list of outgoing calls from CCF from 2nd November 2011 at 9:30hrs to 3rd November 2011 at 3:30pm on mobile numbers, fuq zewg numrui, by inmate*'. Huwa esebiha u giet mmarkata bhala Dok CZ1.

L-appellanta prezentat nota dwar it-talba taghha ghall-isfilz tar-rapport ta' Dr Martin Bajada. Il-prosekuzzjoni irrispondiet ghal din in-nota.

Stante li kien hemm bdil tal-Magistrat sedenti, il-partijiet fis-seduta tas-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) ezentaw lil Qorti milli terga tisma l-provi mismugha. Permezz tad-digriet datat is-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-Qorti cahdet it-talba ghall-isfilz tar-relazzjoni tal-espert Dr Martin Bajada u ddikjarat il-kontenut tal-istess relazzjoni bhala prova ammissibli f'dawn il-proceduri.

Fl-istess sudta l-Ispettur Spiridione Zammit esbixxa zewg sentenzi li nghatghu kontra l-appellanta, li gew immarkati bhala CF1 u CF2.

Fl-istess seduta xehed is-**Supretendent Norbert Ciappara** li ra s-sentenza tal-Qorti tal-Apell kriminali, Imhallef Onor Joseph Galea Debono li nghatat fis-17 ta' Marzu, 2005 fl-ismijiet 'Pul vs Claire Farrugia' u gharaf lil Claire Farrugia fl-awla. Jghid li kien wiehed mill-Ispetturi investigattivi u li mexxa l-proskeuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Jghid li qed jgharaf is-sentenza bhala li nghat fil-konfront ta' Claire Farrugia. Jghid li kienet akkuzata bi traffikar u b'omicidju involontarju u jghid li jiftakar li giet mehlusa mit-traffiikar fuq l-interpretazzjoni ta' ammistra u somministra.

Fl-istess seduta tas-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Frans Agius** li qal li gie mitlub jixhed dwar il-procedura tal-habs meta bniedem jinstablu xi haga fuqu. Jghid li meta visitor jidhol gol-habs u jkollu xi haga fuqu, ma jistax jidhol qabel tohrog ordni ohra. Ma jistax jidhol jara lil hadd. Mistoqsi minghand minn din l-ordni trid terga tinghata qal li mill-awtorita tal-habs stess, '*Mill-kbarat*'.

In kontro-ezami jghid li xoghlu fil-habs jmexxi d-debituri fejn jidhlu l-hwejjeg u nies. Jghid li search dejjem issir. Jghid li meta jirrifjutaw gieli telqu u gieli zammewhom u ma jidholx il-habs qabel tohrog ordni ohra. Mistoqsi '*Jigifieri int qed tghidli li kien hemm min rrifjuta u arrestajtuh?*' Wiegeb '*Li kont fihom jiena personali jiena, meta nordna*

*search u jitlaq'l barra, kont nghid lill-awtorita u naghtih kollox so and so u gol-habs ma jidholx'* Mistoqsi 'Jigifieri l-massimu tal-konsegwnza tal-fatt li jiena nirrifjuta li inti taghmilli search, li jiena ma tippermettilix naghmel il-vista' wiegeb '*Le dak il-hin zgur li le*'. Jghid li sakemm tohrog ordni ohra ma tidholx gol-habs.

Mistoqsi '*Inthom qabel ma taghmluhom is-search, tghidulhom x'inhi l-konsegwenza jekk huma jirrifjutaw?*' Wiegeb li '*Le le m'ghandix ghalfejn nghidilhom jiena, nghidilhom jekk inti ser insiblek oggett. Jekk triffijuta dak il-hin jiena inzomm kollox u jekk insibilha l-ogett inzomm kollox.*' Jghid li '*Nghid ghalija jiena ghamilt spezzjonijiet. Qatt ma dhalt fuq visitatur u nghidlu jekk ser insiblek xi haga mhux ser tidhol hawn jew so and so*'. Mistoqsi mill-Qorti '*Inthom qabel taghmlu search tinfurmawh lil dak li jkun li ghandu dritt jirrifjuta is-search imma li jekk jirrifjuta ma jithalliex jidhol?*' Wiegeb '*Ha nghidlek x'jigri. Ha nghidlek ezatt. Meta jigi visitatur gol-habs u meta jidhol gol-kamra u ser naqbad nispezzjonah, gieli naghmlu up down u gieli naghmlu strip search. Meta nigu biex nispezzjonaw u jghidli jew tghid lill-ufficjala ma rridx, hemm hekk imbghad isir il-kelma le li ma tidholx. Pero inti ma tkunx taf x'ser jaghmel l-indiviwdu meta diehel.*' Mistoqsi mill-Qorti '*Jigifieri inthom tistennew biex taraw kif ser jirreagixxi l-individwu l-ewwel.*' Wiegeb '*Dik hija. Jekk l-individwu jghidlek ma rridx naghmel strip search. Imma l-maggoranza, allahares kull min jidhol jghidilna le.*'

Mistoqsi '*.. Bhala standard inthom, iva jew le, qabel ma taghmlu strip search ma tghidulhomx li jekk iridu jistghu jirrifjutaw?*' Wiegeb '*Le ma nistax nghidilha hekk jien. Jekk nghidilha ser tirrifjuta jiena ser nigi li jiena bghattha 'l barra*'.

In ri-ezami ikkonferma li gieli ra r-regolamenti tal-habs. Jghid li bhala ufficjal tal-habs jaghtuh il-poter li jaghmel strip search. Li jekk isib oggett mill-ewwel jghajjat pulizija biex jigi jaghmel raport. Mistoqsi jekk is-search issirx fil-habs jew fuq il-bankina, qal li fil-habs. Jikkonferma li l-visitatur ikun diga dahal fil-konfini tal-habs. Mistoqsi jekk gieli qara regolameti tal-habs fejn ufficjali tal-habs, gwardjam jaghtuh poteri ezekuttivi bhala ma ghandha l-pulizija ezekuttiva gol habs wiegeb li iva gol-habs ghandek id-dritt li zzommu individwu jekk issiblu l-oggett.

Mistoqsi '*Meta taghmel tfittxija inti taghmilha hekk kapriccozament ghax m'ghogbkx il-wicc jew ghal xi raguni?* Wiegeb '*Le tista ssir, ahna naghmlu updown u strip search. Fil-qawwa*

*tan-nies gieli ghamilna*' Mistoqsi fuq liema bazi jiddeciedi li jaghmel strip search jghid li ghax ikun hemm bzonn li jsiru. Jghid li tohrog ordni li ssir strip search. Spjega li '*Ghax ikun hemm inmate qed jistennew xi haga u jkunu jafu u ahna nidhlu ghaliha*'. Mistoqsi '*Jigifieri jkun hemm suspett*' wiegeb '*Iva*'. Jikkonferma li s-suspett tieghu jizdied jekk tirrifjuta. Mistoqsi x'jigri meta ikun hemm min jirrifjuta li jaghmel strip search qal li '*Jitlaq. Jintalab jitlaq*'. Jghid li gieli gew ufficjali tal-pulizija jistennew lill-individwu.

In kontro-ezami ulterjuri jghid li huwa maggur tal-habs, jghid li dawk li jaghmlu strip search barra huma gwardjani. B'referenza ghal guard room, jikkonferma li huma ufficjali bhalu.

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet **SWCO Maria Vassallo** fejn mistoqsija dwar search f'2011 qalet li ezattt ma rat xejn. Qalet li kien hemm gwardjana li kellha suspett li bdiet tghid li ma bdewx jghogbuha kif bdew jaghmlu il-prigunieri. Qalet '*Imbghad skoprejna li Elaine Rapinett kellha vista dak inhar u ghidtilhom mela min jigi ghamlulhom strip search. Filfatt jiena lanqas kont hemm imbghad ghax jiena kien sarli l-hin tieghi biex nitlaq. Meta jigifieri grat jiena kemm ordnata biss strip search.*' Tikkonferma li ma kinitx hemm waqt l-istrip search. Mistoqsija ghala hasset li kellha taghti dik l-ordni qalet ghax kien hemm gwardjan u bdiet tghid li mhux qed joghgbuha u giet tghid lilha u qaltilha biex jagmlulhom strip search. Tghid li l-gwardjana hi Antonia Formosa, li ma ghandhiex maghhom. Mistoqsija ghaliex ma bdewx joghgbuha, qalet li l-hin kollu dehlin fit-telephone box u qieghda anzjuza, tghid li skoprew li ghal persuna wahda kienet il-vista, ghal Elaine. Qalet li inmates intitolati ghal telefonata, icemplu lil min ikollhom il-permess li jigi jarahom. B'referenza ghal Elaine Rpinett xehdet li '*U din il-hin kollu bdiet ticcekkja u tghidilna araw jekk ma gietx jew araw hekk*' Qalet li dan ma sematux izda qaltilha l-gwardjana u ghalhekk qaltilhom li jekk hemm dan is-suspett jaghmlu strip search lil min jigi jaraha. Qalet li qas kienu jafu minn ser jigi jaraha. It-telephone box qieghda fid-division Female A.

In kontro-ezami ikkonfermat li ma kinitx prezenti ghall-istrip search imma gieli kienet prezenti. Mistoqsija '*Gieli ghidtulhom jekk inti ma tippermetix li ssir strip search, nibghatukom lura minn fejn gejtu?*' Wieget '*Le*'.

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **CO Frans Agius** li prezenta vera kopja tal-ahhar vizitatura mmarkata bhala Dok FA li saret mit-3.11. Jghid li vista lil Elaine Rapinett minn Claire Farrugia u kienet ikkancellata fit-3 ta' Novembru. Mistoqsi '*Mela inti kelleb ggib il-visti ta' Elaine Rapinett mit-3 ta' Novembru 2011 sat-3 ta' Jannar 2012*' wiegeb li iva u li l-ahhar wahda li saret ta' ommha u missierha.

Ikkonferma li ghalkemm Elaine Rapinett hija mnizzla bhala visitor, huwa zball ghax hi inmate. Ikkonferma li huma folji minn kotba differenti, kotba tal-visitaturi. Qal li minn dik id-data sa din id-data Claire Farrugia ma giet qatt. Qal li vista wahda hi mmarkata. Li giet ikkancellata hija tat-3 ta' Novembru 2011.

Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed l-**Ispizjar Mario Mifsud** li pprezenta rapport Dok MM u d-droga Dok MM1. Qal li kien gie appuntat minn dak iz-zmien il-Magistrat Dr Miriam Hayman biex jaghmel analizi fuq dokument wiehed nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011). Jghid li d-dokument kien jikkonsisti minn tliet boroz tal-plastic bi trab kannella fihom li rrizulta li t-trab kannella kien fih is-sustanza eroina. Jghid li l-ammont bhala piz kin ta' 2.70 grammi u l-purita kienet ta' 27.2%. Mistoqsi '*Il-konsum, street wise, pakkett normali tal-eroina fit-triq huwa simili bhala konsum ta' pakkett eroina gewwa CCF? hemm xi differenza jew le?*' Wiegeb '*Normalment il-weight tal-qartas ikun izghar u jkun f'ammont inqas*' B'refereznza ghat-triq qal li jkun '*0.1 grams*' u mistoqsi jekk go CCF ikun inqas il-piz wiegeb li iva ikun inqas il-piz. Mistoqsi in kontro ezami jekk tlett boroz x'jaghtuh x'jifhem jekk for personal use wiegeb li jista jkun iva u jista jkun le.

Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehdet **Acting Major Mary Azzopardi** in kontro ezami li kkonfermat li fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) kienet acting major. Qalet li kienet fil-female section. Mistoqsija '*Hi x'kienet dakinhar*' wiegbet 'Visitor', tghid li giet ordnata mill-Maggur Maria Vassallo biex ssir strip search u kienu hi u WCO 6 u x-xhud qaltilha '*ha ssirlek*

*strip search. U ma rrifjutatx'*. Mistoqsija jekk saqsietx xi jkunu l-konsegwenzi jekk hi tirrifjuta wiegbet li '*Le m'ghidtilhiex*', tghid li lanqas li kienet maghha ma qaltilha. Mistoqsi x'jigri jekk tirrifjuta, qalet li titlaq l barra u ghal certu ammont ta' zmien ma tidholx fil-habs.

In kontro-ezami mistoqsija jekk hemm xi haga fil-habs tindika certu struzzjonijiet lil min jigi jara lil inmates, qalet li m'hemmx miktub. Mistoqsija jinghadx xi haga verbali lil min ikun ie jaghmel il-visit wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija mill-Qorti '*Imma inti ma tinfurmahomx li jistghu jirrifjutaw*' wiegbet '*Le ma nghidilhomx*'. Mistoqsija '*U lanqas tghidilhom li jekk jirrifjutaw jistghu jitilqu*' wiegbet '*Le lanqas*'.

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Supt Dennis Theuma** in kontro ezami. Spjega li l-kaz inbeda fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011), komplew bl-investigazzjonijiet taghhom, hassew li kienu f'posizzjoni li jressquha f'dik id-data li hemm fuq l-akkuza. Ikkonferma li c-*charges* inhargu fit-tnejn (2) ta' Marzu. Qal li jkunu imfurmawha gurnata qabel jew '*within the 48 hours lil Claire Farrugia*'. Qal li jgibu l-kunsens minghand l-Avukat Generali u malli jkollhom l-karti jipprezentaw ic-charge u l-istatement, fedina penali u c-certifikat tat-twelid fir-registru. Ikkonferma li l-ewwel igibu l-kunsens minghand l-Avukat Generali. il-kunsens jinghata abbazi tal-investigazzjonijiet li jkunu ghamlu u c-charges li nkunu ser nohorgu kontra l-persuna. Spjega li fejn jidhlu citazzjonijiet jitbaghtu l-AG u jghaddu ghand l-avukat u l-avukat jipprocessahom hu. Jghid li meta jkollhom prezentata b'arrest, jkellmu direttament lil AG juruh il-karti li jkollhom u jaghtuhom l-kunsens u jipprezentaw id-dokumentazzjoni biex jinfetah il-file wara i jkun taghhom il-kunsens.

Mistoqsi jekk l-istqarrija tal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) kinitx tifforma parti mill-atti li ra l-Avukat Generali meta ta l-kunsens tieghu qal '*Ma nistax nghidlek. Suppost iva. Jien lill-AG rrid naghtih stqarrija*'. Mistoqsi ghala fl-istqarrija ma nghatatx il-caution fi-bidu nett li kellha dritt tkellem avukat wiegeb li tawilha. Mistoqsi ghala '*Fl-istqarrija proprja kif titlob il-ligi, ghaliex m'hemmx il-formola sagrosanta li tghid il-ligi? Mhux wara*' wiegeb li ma hass li kellu jaghmel dik il-formola.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru 2017, gie prezentat certifikat mahrug minn Dr Joseph Tonna. Il-prosekuzzjoni iddikjarat li ma ghandha l-ebda oggezzjoni fir-rigward tal-prezentata tac-certifikat u i ma hemmx i-htiega li jixhed Dr Joseph Tonna sabiex jikkonferma l-istess.

L-Avukat difensur talab l-isfilz tar-rapport tal-espert Dr Martin Bajada fid-dawl tas-sentenza tal-appell datata d-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet 'Vella Bonavia et vs Dr Beppe Fenech Adami noe'[9].

Fis-seduta tat-tmiena u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Josef Buttigieg** li qal li qed jixhed in rapprezentanza ta' MCAST Institute of Business Management and Commerce. Jghid li huwa d-Direttur ta' dan l-istitut. Xehed li Claire Farrugia kienet studenta maghhom ftit tas-snin ilu. Spjega li bdiet bhala extended diploma in business bejn is-sena elfejn u disgha (2009) u s-sena elfejn u hdax (2011) u imbghad ghamlet sentejn higher national diploma in business u spiccat billi hadet il-BA Hons business enterprise bhala topup year. Jghid li maghhom mhux qed tkompli studji, li level 6 huwa l-ahhar livell li setghet. Xehed li lestiet il-kors fl-elfejn u erbatax (2014) u gradwat.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. Illi nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) SWCO Maria Vassallo kienet tat ordni sabiex issir strip search fuq il-persuna li kellha tigi zzur il-priguniera Elaine Rapinett wara li giet infurmata minn gwardjana li Elaine Rapinett u prigunieri ohra agixxew b'mod suspettuz[10];

2. Illi hekk kif l-appellanta marret biex izzur lil priguniera Elaine Rapinett il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) giet infurmata li kien ser isirilha strip search u waqt din l-istrip search kif WCO Mary Azzopardi qaltilha biex ddur u titbaxxa, rat bicca tissue suspettata[11];

[9] Skont is-sentenza hawn appellata l-Avukat difensur tal-appellant kien qieghed jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet Joseph Chetcuti Bonavita vs Av. Beppe Fenech Adami noe
[10] Kif jirrizulta mix-xhieda ta' SWCO Maria Vassallo ta' nhar it-3 ta' Mejju, 2013
[11] Kif jirrizulta mix-xhieda ta' WCO Mary Azzopardi ta' nhar it-30 ta' Marzu, 2012

3. Illi gew infurmati s-Special Response Team (SRT) fejn intalbet l-assistenza tal-Pulizija. CO 85 cempel l-Ghassa u gew il-Pulizija. Regghet sar strip search fejn WPS 167 talbet lill-appellanta biex taghtiha li ghandha u l-appellanta ghaddiet li kellha mill-parti taghha u taghtha f'idejn WPS 167[12];

4. Irrizulta li din kienet droga suspettata eroina[13];

5. Illi ttiehdet l-ewwel stqarrija fejn l-appellanta ammetiet li kellha droga sabiex tghaddiha lil priguniera Elaine Rapinett wara diversi talbiet ta' din il-priguniera;

6. Sussegwentement wara li saru l-investigazzjonijiet, fit-tieni stqarrija, l-appellanta kienet ammetiet li kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn hi dahlet id-droga il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghaddieta lil priguniera Elaine Rapinett;

7. Illi nhargu l-akkuzi indikati fil-konfront tal-appellanta.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-istqarrijiet moghtija mill-appellanta fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ohra moghtija nhar l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012). L-appellanta tghid li ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni.

L-appellanta tissottometti li l-kaz gie msejjes principarjament fuq l-istqarrijiet moghtija mill-appellanta fejn fl-ebda wahda minnhom ma inghatat l-opportunita' illi jkollha l-avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni peress illi l-ligi f'dak iz-zmien ma kienetx tippermetti dan u ghalhekk dawn l-istess stqarrijiet huma lezivi ghad-drittijiet fundamentali kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Mala.

Illi d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorju f'investigazzjoni tal-Pulizija ma kienx jezisti meta ttiehdu l-istqarrijiet f'Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u f'Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012). L-appellanta b'referenza estensiva ghal gurisprudenza ssottomettiet li l-istqarijiet rilaxxati minnha huma inammissibli u m'ghandha ssir l-ebda referenza ghalihom u dan peress li ttiedu minghajr mal-

[12] Kif jirrizulta mix-xhieda ta' WCO Mary Azzopardi ta' nhar it-30 ta' Marzu, 2012
[13] Skont ma jirrizulta mir-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol 192 et seq.

appellanta kellha d-dritt li jkollha prezenti l-avukat maghha u dan jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha senjatament id-drittijiet taghha ghal smiegh xieraq.

Illi d-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta′ aċċess għas-servizzi ta′ avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta′ mandat ta′ arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma′ partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà fl-artikolu 3 tiprovdi:

***Id-dritt ta′ aċċess għas-servizzi ta′ avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta′ aċċess għas-servizzi ta′ avukat f′ħin u b′mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d- drittijiet tagħhom ta′ difiża b′mod prattiku u b′mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta′ avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta′ aċċess għas-servizzi ta′ avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta′ investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta′ att investigattivi jew att ieħor ta′ ġbir ta′ provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f′materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta′ aċċess għas-servizzi ta′ avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa′ fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interro-*

*gazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b)* ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli*

*li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-liberta` tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

*(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-liberta` jew l-integrita` fiżika ta' persuna;*

*(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.* (Emfazi u sottolinear mizjud)

L-artikolu 9 ta' din id-Direttiva dwar ir-rinunzja jiprovdi li

*1. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li teħtieġ il- preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt konċernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih; u*

*(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tiġi rreġistrata, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir- rinunzja, bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformita` mal-liġi tal-Istat Membru konċernat.*

*3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-proċedimenti kriminali u li huma jiġu infurmati b'dik il-possibbilta`. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir.*

It-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-ligi ta' Malta sehhet permezz tal-Att Nru LI tal-2016[14]. Din il-Qorti taghmel referenza senjatament ghall-artikolu 355AUA(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*

L-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

*Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

*(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

***(ċ) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma***

[14] Senjatament permezz tal-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

***jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):***

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l- interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*

*(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;*

*(e) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta'identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.*

Filwaqt li l-artikolu 355AUG tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti r-rinunzja jaqra:

*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*

Ikkunsidrat;

Illi meta sehh il-kaz odjern, il-ligi ma kienitx tipprovdi d-dritt li persuna suspetta jew arrestata jkollha assistenza legali matul l-interrogazzjoni. Skont l-istqarrija mmarkata bhala SZ1 li tidher a fol 28 tal-process li nghatat fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) l-appellant inghatat it-twissija li tirrizulta fil-bidu tal-istqarrija ossia:

*'Twissija moghtija mill-Ispettur Spiridione Zammit fil-presenza ta' WP167 J. Grech li m'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingib bi prova, wara li gejt moghti d-dritt li stajt tikkonsulta jew tigi assisti mill-Avukat jew prokuratur Legal tal-fiducja tieghek u int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit.'*

Fl-istess stqarrija jirrizulta ukoll is-segwenti:

*M. Fhimtha t-twissija li ghadni kemm nghidlek?*

*T. Iva*

*M. Tikkonferma li nghatajt id dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju u int ghazilt li ma tixtiex tinkkonsulta ma ebda avukat,?*

*T. Iva.'*

Fl-istess stqarrija l-appellanta giet mistoqsija '*Tiffirmah dan l-istatemant*' u hemm imnizzel '*Le*' pero' din l-istqarrija tirrizulta ffirmata.

Fl-ahhar ta' din l-istqarrija hemm imnizzel '*Niddikjara li din l-istqarrija ghamiltha jien volontarjament u ma gietx imgielgha b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' xi vantagggi, u wara li nqratli naghzel li niffirmaha*'

Quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr Miriam Hayman fix-xhieda moghtija mill-appellanta kif jidher fil-process verbal, l-appellanta mistoqsija mill-Qorti '*Illum qeghda hawn ghax fuq ghazla tieghek ghazilt li tigguramenta l-istqarrija, naqblu?*' Wiegbet '*Iva*'. Il-Qorti provdiet li '*Infakkrek li l-Ispettur Zammit qabel ma bdejt tigguramenta l-istqarrija, tak twissija li ghandek dritt ma twegibx u tak ukoll id-dritt tal-assistenza legali, taqbel?* Wiegbet '*Naqbel*'

Filwaqt li fl-istqarrija addizzjonali a fol 31 ossia dik tal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) hemm imnizzel '"*M'intix obligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova*"' Fil-bidu gie mistoqsi s-segwenti:

*M: nghid sew li int fit-3 ta Novembru 2011 irrilaxajt stqarrija volontarja fl-ufficju ta l-ispettur S Zammit tal-Fgura fejn fiha ammettejt li kont dahhalt madwar 3.8 grammi eroina lill certa Elaine Rapinett li prezentment qeghda tiskonta sentenza ta habs ?*

*T: iva*

*M. nghid sew li int dik l-istqarrija kont igguramentajtha wkoll quddiem il-magistrat ta l-ghassa Dr Miriam Hayman lld ?*

*T: iva'*

Wara mistoqsijiet ohra giet mistoqsija:

*M: nghid sew li qabel ma bdejna inkellmuk jien w l-ispettur Zammit int gejt mistoqsija ghal darba ohra jek ridtx tikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali w gejt moghtija wkoll is-solita twissija w cioe li int ghandek dritt ma tghidx affarijiet li jistaw jinkriminawk?*

*T: iva'*

Fl-ahhar tal-istqarrija hemm imnizzel:

*M: din l-istqarrija addizjonali int lesta tigguramentaghha quddiem magistrat ?*

*T: iva'*

Hemm imnizzel ukoll li '*Din l-istqarrija ghamiltha volontarjament, minghajr theddid, jew weghdi jew promessi ta' xi vantaggi jew favuri u wara li qrajta nikkonferma li ma rridx inzid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u naghzel li niffirma*'.'

Dwar l-ewwel stqarrija datata t-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) jirrizulta li l-appellanta ffirmat dikjarazzjoni li tidher a fol 30 u mmarkata bhal SZ 2 li kienet taqra '*Illum l-Ufficjal Investigattiv hawn taht iffirmat jiddikjara bil-miktub li Claire Farrugia detentur tal-karta tal-identita' numru 15979M giet mgharrfa bid-dritt li tista' tikkonsulta privatament mal-Avukat jew Prokuratur Legali tal-fiducja taghha wicc imb wicc jew bit-telefon qabel ma jigi nterrogat u hi ghazlet li ma tixtieqx jikkonsulta jew jigi assistit.*'

L-Ispettur Spiridione Zammit fix-xhieda tieghu ta' nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) gharaf il-firma tieghu, tal-imputata u ta' WPS 167 fl-istqarrija immarkata bhala Dok SZ1 u l-firma tieghu, tal-Ispettur Dennis Theuma u tal-appellanta f'Dok SZ2. WPS Justine Grech fix-xhieda taghha ta' nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) b'referenza ghall-istqarrija mmarkata bhala Dok SZ1 ikkonfermat li l-istqarrija hija tal-imputata li gharfet fl-Awla u gharfet il-firma taghha. Spjegat li '*taha t-twissija tas-soltu, jekk tridx tikkonsulta ma avukat tal-ghazla taghha u rrifjutat dan id-dritt*' Tispjega wkoll li '*Taha s-solitu twissija u li dak li tghid jista jintuza kontra taghha*'. L-Ispettur Dennis Theuma fix-xhieda tieghu ta' nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li '*Ergajna hadna l-istqarrija addizzjonali ghal raguni semplici li minn investigazzjoni ulterjuri tal-kollega tieghi l-Ispettur Spiridione Zammit, rrizultalna li apparentament kien hemm iktar minn okkazzjoni wahda*

*fejn l-imputata Claire Farrugia kienet dahhlet id-droga ghal inmate u ahna ridna niccaraw din u fil-fatt konna bghattna ghaliha u kienet giet hi minn jeddha din Claire Farrugia, konna ergajna tajnieha d-dritt li tkellem avukat li hija rrifjutat u oltre minn hekk imbghad tajnieha twissija li ghandha dritt ma twegibx u li dak kollu li tghid jitnizzel bil-miktub u jista jingab bhala prova u effettivament rrilaxxjat stqarrija lill-kollega tieghi Spettur Spiridione Zammit bhala Dok SZ3. Fuq din l-istqarrija qed ngharaf il-firma tieghi, il-firma tal-imputata odjerna Claire Farrugia u l-firma tal-kollega l-Ispettur Spiridione Zammit.*'

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex taghmel referenza ghal uhud mis-sentenzi moghtija kemm mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u anke mill-Qrati ta' Malta dwar id-dritt ghall-assistenza legali.

Fis-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Salduz v. Turkey'** [15] gie kkunsidrat:

*56. In the present case, the applicant's right of access to a lawyer was restricted during his police custody, pursuant to section 31 of Law no. 3842, as he was accused of committing an offence falling within the jurisdiction of the State Security Courts. As a result, he did not have access to a lawyer when he made his statements to the police, the public prosecutor and the investigating judge respectively. Thus, no other justification was given for denying the applicant access to a lawyer than the fact that this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions. As such, this already falls short of the requirements of Article 6 in this respect, as set out at paragraph 52 above.*

*57. The Court further observes that the applicant had access to a lawyer following his detention on remand. During the ensuing criminal proceedings, he was also able to call witnesses on his behalf and had the possibility of challenging the prosecution's arguments. It is also noted that the applicant repeatedly denied the content of his statement to the police, both at the trial and on appeal. However, as is apparent from the case file, the investigation had in large part been completed before the applicant appeared before the investigating judge on 1 June 2001. Moreover, not only did the İzmir State Security Court not take a stance on the admissibility of the applicant's statements made in police custody before going on to*

[15] Deciza fis-27 ta' Novembru, 2018 (Application no. 36391/02)

*examine the merits of the case, it also used the statement to the police as the main evidence on which to convict him, despite his denial of its accuracy (see paragraph 23 above). In this connection, the Court observes that in convicting the applicant, the İzmir State Security Court in fact used the evidence before it to confirm the applicant's statement to the police. This evidence included the expert's report dated 1 June 2001 and the statements of the other accused to the police and the public prosecutor. In this respect, however, the Court finds it striking that the expert's report mentioned in the judgment of the first-instance court was in favour of the applicant, as it stated that it could not be established whether the handwriting on the banner matched the applicant's (see paragraph 15 above). It is also significant that all the co-defendants, who had testified against the applicant in their statements to the police and the public prosecutor, retracted their statements at the trial and denied having participated in the demonstration.*

*58. Thus, in the present case, the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer in that his statement to the police was used for his conviction. Neither the assistance provided subsequently by a lawyer nor the adversarial nature of the ensuing proceedings could cure the defects which had occurred during police custody. However, it is not for the Court to speculate on the impact which the applicant's access to a lawyer during police custody would have had on the ensuing proceedings.*

*59. The Court further notes that neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial (see* Kwiatkowska v. Italy *(dec.), no. 52868/99, 30 November 2000). However, if it is to be effective for Convention purposes, a waiver of the right to take part in the trial must be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see* Sejdovic v. Italy *[GC], no. 56581/00, § 86, ECHR 2006-II;* Kolu*, cited above, § 53; and* Colozza v. Italy*, 12 February 1985, § 28, Series A no. 89). Thus, in the present case, no reliance can be placed on the assertion in the form stating his rights that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see paragraph 14 above).*

*60. Finally, the Court notes that one of the specific elements of the instant case was the applicant's age. Having regard to a significant number of relevant international law materials concerning legal assistance to minors in police custody (see paragraphs 32-36 above), the*

*Court stresses the fundamental importance of providing access to a lawyer where the person in custody is a minor.*

*61. Still, in the present case, as explained above, the restriction imposed on the right of access to a lawyer was systematic and applied to anyone held in police custody, regardless of his or her age, in connection with an offence falling under the jurisdiction of the State Security Courts.*

*62. In sum, even though the applicant had the opportunity to challenge the evidence against him at the trial and subsequently on appeal, the absence of a lawyer while he was in police custody irretrievably affected his defence rights'*

Il-Qrati ta' Malta f'diversi sentenzi ghamlu referenza ghal dawk decizi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem b'dan li kien hemm zvilupp sinifikanti fl-interpetazzjoni u applikazzjoni ta' dawn is-sentenzi mat-trapass ta' zmien.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi'** [16] gie kkunsidrat li:

*'Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet diversi drabi li d-dritt li persuna tiddefendi lilha nnifisha personalment jew permezz ta' assistenza legali huwa element fundamentali tad-dritt ghall-fair trial. Insibu f'dawn id-decizjonijiet li:*

*"The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial" (**Poitrimol v. France**, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and **Demebukov v. Bulgaria** no. 68020/01, § 50, 28 February 2008).*

*Id-dritt li wiehed jiddefendi lilu nnifsu personalment jew permezz ta' assistenza legali gie ezaminat diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg u kien hemm zvilupp notevoli fil- hsieb ta' dik il-Qorti minn xi snin l'hawn.*

*Fil-kaz **Imbrioscia v. Switzerland 24.11.1993** inghad: "Although the "primary purpose" of Article 6 in criminal proceedings is "to ensure a fair trial by a 'tribunal'", it does not follow that it has no application to "pre-trial proceedings". Imbaghad fil-kaz **John Murray v. the United Kingdom 25.01.1996** gie precizat li "this right, which is not explicitly set out in the*

[16] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-12 ta' April, 2011 (Appell Civili Numru. 34/2009/1)

*Convention, may be subject to restrictions for* ***good cause****". F'kazijiet ohra gie deciz li l-Qorti Ewropeja kellha tikkunsidra wkoll "whether or not the applicant has made incriminating admissions in the absence of a lawyer" u "whether or not pressure was exerted on the applicant in the absence of a lawyer".*

*Imbaghad fill-kaz* ***Salduz v. Turkey [27.11.2008]****, il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea sahaq li "even though the applicant had been able to contest the charges at his trial, the fact that he could not be assisted by a lawyer while in police custody had irretrievably affected his defence rights, especially as he was a minor". Fil-paragrafu determinanti ta' din is-sentenza (para. 55) jinghad hekk:*

*"55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above) Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*

*Wara dan il-kaz il-Qorti Ewropea ftit li xejn kienet preparata li taccetta eccezzjonijiet ghar-regola stabbilita minnha f'dik is-sentenza dwar id-dritt ghall-avukat.*

*In segwitu kien hemm kazijiet ohra li jsegwu l-principju stabbilit fil-kaz Salduz. Fil-kaz* ***Dayanan v. Turkey 13.10.2009****, gie stabilit li 'restriction of the right of an individual deprived of his liberty to have access to a lawyer was sufficient for it to be able to conclude that there had been a violation of Article 6, even though the applicant had remained silent while in police custody'. Fil- kaz* ***Yeşilkaya v. Turkey 8.12.2009*** *inghad li: 'The applicant was refused access to a lawyer while in police custody, although he had denied any involvement in the offences imputed to him by the interviewing officers'. Nonostante dan il-Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni tal- Artikolu 6 § 3 (c) flimkien mal-Artikolu Article 6 § 1. Fil- kaz* ***Boz v. Turkey 9.02.2010*** *'the Court reiterated that systematic restriction of access*

*to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions breached Article 6'. Min- naha l-ohra fil-kaz* ***Yoldas v. Turkey 23.02.2010*** *'the applicant's waiver of the right to be assisted by a lawyer had been free and unambiguous' u ma kienx hemm vjolazzjoni ta' Artikolu 6 §§ 1 and 3 (c). (ara Fact Sheet (Police Arrest) mahrug mill-E C H R).*

*Fl-Ingilterra u fl-Iskozja l-Qrati kienu qed jirrinfaccjaw l- istess problemi li Qrati taghna qed jaffaccjaw fir-rigward ta' dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni mill-pulizija.*

*Fil-kaz* ***Her Majesty's Advocate v. McLean*** *[2009] HCJAC 97', il-High Court of Justiciary qalet hekk: "We were referred to a number of cases subsequent to Salduz* ***- Amutgan v. Turkey*** *[2009] ECHR 110,* ***Cimen v. Turkey*** *[2009] ECHR 186,* ***Panovits v. Cyprus****, Application 4268/04, 11 December 2008 and* ***Plonka v. Poland****, Application 20310/02, 31 March 2009. Although all bear to apply Salduz, none provides any illumination on the principles discussed in it. We did not find these citations to be of assistance".*

*Imbaghad dik il-Qorti ddecidiet hekk fil-kaz McLean:*

*"Notwithstanding the decision in Salduz, it was not a violation of Articles 6(1) & 6(3)(c) ECHR for the Crown to rely at trial on admissions made by a detainee while being interviewed without having had access to a solicitor. This was because the guarantees otherwise available in the Scottish legal system (and, in particular, the requirement that there be corroborated evidence in order to convict) were sufficient to provide for a fair trial.*

*"It was the use of the statement at the trial, (and) not simply that it had been obtained when legal representation was not available, which constituted the violation."*

*Din hi l-pozizzjoni li hadet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz.*

*Id-decizjoni ta' McLean pero` giet maqluba recentement fil-kaz* ***Cadder (Appellant) v. Her Majesty's Advocate (Respondent) (Scotland) [2010] UKSC 43****. F'dak l- appell il-kwistjoni li kellha quddiemha l-Qorti kienet jekk persuna li kienet mizmuma fl-Iskozja mill-pulizija fuq suspett li kienet ikkommettiet reat kellhiex dritt ghall- avukat qabel ma tigi interrogata.*

*Dik il-Qorti bdiet billi ezaminat jekk kellhiex tiehu "into account any decision of the*

*Strasbourg Court" u cjoe` l- kaz Salduz in partikolari. Hi qalet li, "This does not of course mean that these decisions are to be binding in any way upon the UK Courts*[17] *" imma fl-istess hin kompliet li, "The court should follow any clear and constant jurisprudence of the Strasbourg Court. There are degrees. But when faced with a unanimous decision of the Grand Chamber, this was, in itself, 'a formidable reason' for following it'. Salduz is a decision of the Grand Chamber, now firmly established in the European Court of Human Rights' case law". [48]*

*Fil-mertu, fil-kaz Cadder gie deciz li: "The rule in Salduz is based on the right not to incriminate oneself"* ***[33]***

*"The more one reads on through the judgment, however, the clearer it becomes that the Grand Chamber was determined to tighten up the approach that must be taken to protect a detainee against duress or pressure of any kind that might lead him to incriminate himself".*

*"**[49].** "The guarantees otherwise offered by the Scottish legal system (in particular corroboration) are commendable but are beside the point. They do not address the European Court's concern, which is with self- incrimination"* ***[50], [66] & [92]***

*"A right of access to a lawyer, which is implied in order to protect a right at the heart of the notion of a fair procedure under article 6, must itself lie near that heart. For this reason, in my view there is not the remotest chance that the European Court would find that, because of the other protections that Scots law provides for accused persons, it is compatible with article 6(1) and (3)(c) for the Scottish system to omit this safeguard – which the Committee for the Prevention of Torture regards as "fundamental" – and for suspects to be routinely questioned without having the right to consult a lawyer first. On this matter Strasbourg has spoken: the courts in this country have no real option but to apply the law which it has laid down".* ***[93]***

*Stabbiliti dawn il-principji l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tieni aggravju tal-appellant dwar il-mertu u s- sottomissjonijiet tal-appellati fir-rigward.*

---

[17] Effettivament id-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg jorbtu lill-Gvern mhux lill-Qrati. Izda meta Qorti tkun qed tittratta kawza dwar drittijiet tal-bniedem hi ghandha tinterpreta l-ligi f'dan il-kaz konformement ma' l-artikoli tal-Konvenzjoni. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tnejn (2) fis-sentenza ċitata)

*Mill-atti tal-Istruttorja jirrizulta li l-appellant Lombardi rrilaxxja zewg stqarrijiet ma' zewg ufficjali tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga fil-Kwatieri Generali tal-Pulizija, il-Furjana. L-ewwel stqarrija saret fl-24 ta' Dicembru 2003 fl-10.30am (ara fol. 35-36 tal-process) u t-tieni wahda saret l-ghada, 25 ta' Dicembru, 2003. Bdiet fis-siegha ta' wara nofsinhar u spiccat fis-saghtejn u nofs (fol. 37, 38 tal-process) jigifieri madwar tmienja u ghoxrin (28) siegha wara l-ewwel stqarrija. Fl-ewwel sqarrija, l-akkuzat (odjern appellant) mhux biss jinnega kull assocjazzjoni ma' tehid jew traffikar ta' droga, imma lanqas ma hemm il-firma tieghu fuq din l-istqarrija. Fit-tieni stqarrija, jissemmew fatti li jassocjaw lill-appellant ma' persuni ohrajn in konnessjoni ma' tehid u traffikar ta' droga, ghalkemm l- appellant jistqarr li ha pilloli "Ecstasy" f'diversi okkazzjonijiet pero` jichad li huwa direttament kien jittraffika fid-droga. Din it-tieni stqarrija ggib fuqha l-firma tal-akkuzat. La fil-kaz tal-ewwel stqarrija u lanqas fil-kaz tat-tieni stqarrija ma jirrizulta li f'xi stadju l-akkuzat kellu xi access ghal avukat.*

*Din il-Qorti tinnota wkoll li filwaqt li fil-kaz tax-xhud tal- prosekuzzjoni, Stanley Mark Iles, giet esebita kopja tal- Proces-Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti koncernenti l-istqarrija li x-xhud Iles kien 'a sua volta' rrilaxxja mal- Pulizija u kkonferma quddiem il-Magistrat, ma jidhirx li sar l-istess fil-konfront tal-appellant. Isegwi ghalhekk li kulma jirrizulta sa issa huwa li z-zewg stqarrijiet tal-appellant Lombardi nghataw bla ebda access ghal avukat u dan hu hekk ukoll ghaliex il-ligi ma kienet tipprovdi xejn ghal tali access.*

*L-appellati jikkontendu li d-dritt ta' assistenza minn avukat m'ghandux jittiehed wahdu f'izolament imma ghandu jigi kkunsdirat fit-totalita` tieghu fit-tmiem tal-process.*

*Fl-imsemmi kaz* ***Salduz*** *difiza simili kienet giet avvanzata izda l-Qorti warrbitha billi rragunat li:*

*"Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions" (****Imbrioscia,*** *cited above, § 36).*

*Qalet ukoll:*

*"In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial" (****Can v. Austria,***

*no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 50, Series A no. 96).*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti biex jigi dikjarat jekk hemmx lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq il-Qorti mhux necessarjament trid toqghod tistenna sakemm jintemm il- kaz kollu jew li jigi attwalment miksur xi dritt tal-akkuzat, imma jekk ikun hemm diga` ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tista' taghmel dik id-dikkjarazzjoni ta' lezjoni, hija ghandha tezamina l-lanjanza meta tigi sollevata. Kif tikteb* ***Karen Reid*** *fil-ktieb* ***"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"****, 3rd Edition page 70 "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall". Fil-fehma ta' din il- Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi billi jista' jiddetermina "the framework in which the offence charged will be considered at the trial"* ***(Can)****.*

*Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-appellati li hi ghandha tistenna sakemm jinqata' l-kaz kollu biex tikkunsidra l- ilment tal-appellant f'dan ir-rigward.*

*Illi kwantu ghall-aggravju proprju tal-appellant il-Qorti thoss li l-gurispurdenza ormai stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ghandha f'dan il-kaz tigi segwita, nonostante li bhala regola l-gurisprudenza ta' Strasbourg strettament m'hijiex wahda vinkolanti fil-kazijiet kollha.*

*Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.*

*Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6.*

*Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l- istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropea dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu (kaz **Cadder** fuq surreferit para. 33) kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal- prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l- pulizija tottjeni 'conviction' mhux fattur li ghandu jittiehed inkonsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc. Il-Pulizija ghandha ssib il-mezzi biex issolvi l-kazijiet li jkollha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni assai facli ta' ammissjoni minn persuna investigata minghajr l- assistenza ta' avukat.*

*Kif qalet il-Qorti fil-kaz **Salduz:***

*"These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused. **[53]***

*"At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings.... In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself". **[54]***

*F'Malta l-procedura accettata dejjem kienet li stqarrija li ttiehdet minghand interrogat li ma jkollux l-assistenza ta' avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni jew interrogatorju hi ammissibli. Din is-sistema ilha snin tigi segwita u ma gietx kontestata hlief dawn l-ahhar snin. Mill-bqija l-aktar li kienet tigi kkontestata kienet tkun il-volontarjeta` tal- istqarrija rilaxxjata. Bhala drittijiet, fost ohrajn, akkuzat kien jinghata l-'caution', kellu d-dritt ghas-silenzju u d-dritt li tal-familja jigu nfurmati bl-arrest tieghu wara certu hin (mhux mill-ewwel). Mill-bqija kien biss bl-Artikoli 355AT u 355AU tal-Kap. 9, introdotti bl-Artikolu 74 tal-Att III tal- 2002, li emenda l-Kodici Kriminali, u li gew biss fis-sehh fl- 10 ta' Frar 2010 bl-Avviz Legali 35 tal-2010, li ghall-ewwel darba nghata espressament dritt ta' access ghal avukat lill-persuna li tigi arrestata u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fil-ligi.*

*Illi fil-kaz in ezami l-appellant rrilaxxja zewg stqarrijiet it- tnejn f'Dicembru 2003 meta l-istess artikoli ma kienux ghadhom dahlu in vigore fid-data tal-arrest tieghu. Lanqas ma huwa l-kaz li din il-Qorti tezamina jekk kienx hemm ragunijiet impellenti l-ghala d-dritt ghal avukat gie ristrett jew jekk dik ir-restrizzjoni ppregudikatx il-process gudizzjaru tieghu, billi l-appellant f'dan il-kaz qatt ma kellu d-dritt ghal avukat.*

*Minn ezami tal-fatti li jemergu f'dan il-kaz, jirrizulta sufficjentement evidenti li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan ukoll fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi imsemmija moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg, gie vvjolat kemm fuq bazi oggettiva kemm ukoll mill-aspett ta' "self-incriminating evidence". Fil-mument li gie interrogat l-appellant u meta rrilaxxja zewg stqarrijiet mal-ufficjali koncernati kienet tipprevali "a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions". (**Boz v. Turkey**, u **Dayanan v. Turkey**). Dippiu' fil-kaz ta' **Dayanan v. Turkey**, kienet instabet lezjoni tal-Artikolu 6 nonostante li l-akkuzat baqa' sieket meta interrogat mill- pulizija. Aktar u aktar allura fejn, bhal f'dak il-kaz, il- persuna interrogata rrilaxxjat stqarrijiet li jikkoncernaw il- htija taghha taht din ir-restrizzjoni ghad-dritt ghall-avukat. Lill-Qorti ma jirrizultawlha l-ebda "compelling reasons" biex jiggustifikaw restrizzjoni totali ta' access ghal avukat, kif irrizulta f'dan il-kaz.*

*Il-Qorti tikkonkludi li ghalhekk fil-kaz odjern kien hemm lezjoni tad-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq kif sancit fl- Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea meta huwa ma nghatax l- assistenza legali. Din il-Qorti hi tal-fehma li d-dritt li persuna arrestata tigi assistita minn-avukat ghandu jinghata fil-bidunett ta' l-investigazzjoni u qabel ma dik il- persuna tirrilaxxja stqarrija izda mhux li tkun assistita waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.*

*Din il-Qorti tirrileva finalment li d-decizjonijiet tal-Qrati taghna qabel **Salduz** kienu in linja mal-gurisprudenza konstanti tal-Qrati taghna dak iz-zmien. Illum il-gurnata pero` trid tigi applikata l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg li saret referenza ghaliha supra. Din il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea izda m'ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma res iudicata. Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta' Cadder. [ara para [60] – [62]; [99] – [103]. "The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined". [**A v. The Governor of Arbour Hill Prison** [2006] IESC 45, [2006] 4 IR 88, para. 36.]*

*Għaldaqstant il-Qorti qed issib li l-aggravju tal-appellant huwa gustifikat u għandu jigi milqugħ.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali'**[18] il-Qorti Kostituzzjonali kienet iddecidiet:

*'31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'libertà sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-libertà fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awto- inkriminazzjoni.*

*32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s- sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l- istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.*

*33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill- proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija tal- akkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l- għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill- ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l- istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'tehdid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.*

*34. Bħala garanzija addizzjonali, din il-qorti sejra tordna illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex il-paragrafu ta' qabel dan jinġieb għall-attenzjoni tal-ġudikanti tad-dritt u tal-fatt.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Martin Dimech v. Avukat Generali'**[19] ikkunsidrat:

*'20. Fil-każ tallum Martin Dimech ma allegax illi ġie msawwat jew mhedded jew imqarraq*

[18] Deciza fit-8 ta' Ottubru, 2012 (Appell Civili Numru: 75/2010/1)
[19] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' April, 2013 (Appell Civili Numru. 43/2011/1)

*biex għamel l- istqarrija jew kien ibati minn xi vulnerabilità partikolari xort'oħra meta għamel dik l-istqarrija. Il-preżenza ta' averikat hija garanzija li ma jsirux abbużi bħal dawn, iżda l- attur ma allegax li dan seħħ fil-każ tiegħu. Anzi, stqarr illi, waqt l-interrogazzjoni, "ma kellix pressure"*[20]*. Il-fatt illi ma sarux dawn l-allegazjonijiet, lanqas quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, juri illi, minkejja n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, ma kien hemm xejn illeċitu jew abużiv fit-teħid tal-istqarrija. Għalhekk huwa nieqes dak l- element ta' vulnerabilità biex, bħal fil-każ ta' Salduz u każijiet oħra bħalu, jinstab illi hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.*

*21. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk ma ntweriex illi Martin Dimech ġarrab xi preġudizzju bil-fatt illi ma kellux għajnuna ta' avukat meta ta l-istqarrija b'mod illi hemm xi perikolu oġġettiv illi minħabba f'hekk ma huwiex sejjer jingħata smigħ xieraq b'ħarsien ta' dak li jrid l-art. 6 tal- Konvenzjoni.*

*22. L-appell tal-Avukat Generali għalhekk għandu jintlaqa'. 23. Ladarba ma hemmx ksur ta' drittijiet ta' Martin Dimech, ma hemm ebda ħtieġa ta' rimedju u għalhekk ma huwiex il-każ illi l-qorti tqis l-appell ta' Dimech li huwa dwar ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Republika ta' Malta v. Alfred Camilleri'**[21] il-Qorti Kostituzzjonali laqghet wiehed mill-aggravji mressaq mill-Avukat Generali fejn sostna li ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smiegh xieraq meta bniedem jigi akkuzat b'reat kriminali. Il-Qorti waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*'Fil-mertu l-Qorti tosserva li f'dan il-kaz ma jirrizultax li, meta Alfred Camilleri kien qed jirrispondi ghad-domandi li kienu sarulu mill-ispettur fid-dar ta' ommu, huwa kien gie mgieghel, la moralment u wisq anqas fizikament, iwiegeb ghal dawn il-mistoqsijiet. Lanqas jirrizulta li dak il-hin huwa kien affett minn xi vulnerabilita` partikolari, li kienet tinnecessita l-assitenza ta' avukat bhala garanzija li ma jsirux xi abbuzi fir-rigward.*

*Jirrizulta li Alfred Camilleri ghandu 55 sena, eta` li ggib maghha grad relevanti ta' maturita`,*

---

[20] *Xiehda ta' Martin Dimech fit-30 ta' Novembru 2011, fol. 621 tal-proċess tal-ewwel qorti.* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata)
[21] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Jannar, 2014 (Appell Civili Numru. 32/2011/1)

*li, ghalkemm qatt ma skonta sentenza ta' prigunerija, huwa fil-passat kien diga` habbat difru mal-ligi meta kien gie misjub hati ta' ksur tal- buon ordni, kif ukoll tar-reat ta' serq, ghalkemm huwa minnu li ma jidhirx li qabel il-kaz de quo qatt kellu esperjenza ta' interrogazzjoni.*

*Illi dwar dak sottomess mill-Avukat Generali, u cioe` li kieku l-pulizija tat lill-akkuzat l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat fil-mument meta inqabad jikkunsinna l-pakkett in kwistjoni "kien hemm kull probabbilita` li t-traccja ta' dak il-pakkett kienet ser tintilef", din il-Qorti tosserva li dan l- argument ma jreggix bhala wiehed validu, in kwantu mill- provi jirrizulta car li l-pulizija kienet ghal xi zmien segwiet il-movimenti tal-pakkett, u allura taz-zewg persuni li gabruh minghand l-agenzija Thomas Smith, u baqghu jsegwuh anke meta dan gie depozitat fid-dar ta' omm Camilleri. Dawn il-fatti juru li kieku l-pulizija ssoktat bl-investigazzjoni taghha billi ssegwi l-pakkett xorta kienet tasal ghal Alfred Camilleri, gjaladarba l-pakkett kien ittiehed ghand ommu.*

*Min-naha l-ohra, il-konsiderazzjoni premessa u c- cirkostanzi indikati fl-ahhar paragrafu, juru li d-domandi li saru lill-Alfred Camilleri fid-dar ta' ommu ma kinux l-unika prova li kellhom il-pulizija kontra tieghu, tenut kont tal-fatt li huma kienu raw kemm lil Camilleri kif ukoll lil Abdilla jirtiraw il-pakkett minghand l-agenzija fuq indikata, u jgorruh flimkien lejn il-Belt.*

*Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Alfred Camilleri vs L-Avukat Generali'**[22], liema decizjoni hija soggetta ghal appell pendenti gie kkunsidrat:

*'Fir-rikors promotur tiegħu r-rikorrent jiċċita diversi każijiet tal- Qorti Kostituzzjonali dwar suġġett li llum il-ġurnata, wara id- deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Borg v Malta, huwa essenzjalment eżawrit.*

*Ħarsa lejn il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar dan is- suġġett tixhed illi l-Qorti Kostituzzjonali rreġistrat żvilupp fil- mod li ġie interpretat dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Salduz v Turkey. Filwaqt illi kien hemm żmien fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet*

[22] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar id-19 ta' Ottubru, 2017 (Rikors Kostituzzjonali Nru: 21/2015 AF)

*tinterpreta l-linja li ħadet il-Qorti Ewropea dwar is-suġġett billi ssib ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent għar-raġuni biss li huwa jkun ġie mċaħħad mid-dritt għall-assistenza legali, maż-żmien, il-Qorti Kostituzzjonali żviluppat l-interpretazzjoni tagħha ta' dak deċiż mill-Qorti ta' Strasbourg b'dan illi kien jinsab li seħħet leżjoni biss f'każ li r-rikorrent kien jiġi meqjus mill-Qorti bħala persuna vulnerabbli fiż-żmien illi huwa jkun ġie interrogat mill-pulizija mingħajr ma seta' jirrikorri għall-assistenza legali. Fi żmien illi ngħatat is-sentenza finali fil-konfront tar-rikorrent fil-każ tal- lum, il-linja li kienet qiegħda ssegwi l-Qorti Kostituzzjonali kienet proprju dik, b'dan illi l-Qorti sabet illi ma seħħ l-ebda ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent peress illi fil- fehma tagħha, meta sarulu l-mistoqsijiet mill-pulizija, huwa ma kienx persuna vulnerabbli.*

*Kien biss wara li ġiet deċiża s-sentenza ta' Borg v Malta illi l- Qorti Kostituzzjonali rreġistrat żvilupp ieħor fil-ġurisprudenza tagħha b'dan illi llum il-ġurnata huwa ormai stabbilit illi huwa biżżejjed li l-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat jew is- suspettat jirrikorri għall-assistenza legali meta jkun qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija jew qabel jirrrilaxxa l-istqarrija tiegħu sabiex jinsab illi seħħet leżjoni.*

*Madanakollu, bil-fatt waħdu li seħħ dan l-iżvilupp fil- ġurisprudenza, u allura matul is-snin is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar is-suġġett ma kinux dejjem uniformi, ma jwassalx għall-konklużjoni li r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba inċertezza legali. Fil-fatt, il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tindirizza proprju dan il-punt. Fl-imsemmi każ ta' Borg v Malta, deċiż fit-12 ta' Jannar 2016, intqal hekk mill-Qorti Ewropea:*

*"One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty (see Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 61, ECHR 1999-VII), which, inter alia, guarantees a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts (see Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey [GC], no. 13279/05, § 57, 20 October 2011). The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009). However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do*

*not confer an acquired right to consistency of case-law (see Unédic v. France, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008), and case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see Atanasovski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 36815/03, § 38, 14 January 2010).*

*The Court has been called upon a number of times to examine cases concerning conflicting court decisions and has thus had an opportunity to pronounce judgment on the conditions in which conflicting decisions of domestic supreme courts were in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention (see Paduraru v. Romania, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); Beian, cited above; Iordan Iordanov and Others v. Bulgaria, no. 23530/02, 2 July 2009; Pérez Arias v. Spain, no. 32978/03, 28 June 2007; Ştefan and Ştef v. Romania, nos. 24428/03 and 26977/03, 27 January 2009; Taussik v. the Czech Republic (dec.), no. 42162/02, 2 December 2008; and Tudor v. Romania, no. 21911/03, 24 March 2009). In so doing it has explained the criteria that guided its assessment, which consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of a supreme court, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied, and if appropriate to what effect (see Iordan Iordanov and Others, cited above, §§ 49-50).*

*In reply to the Government's arguments (paragraph 105 above), the Court notes that the Constitutional Court's findings in the applicant's case were not dependent on the fact that his proceedings had ended. Indeed, irrespective of the statements made by the first-instance constitutional jurisdiction concerning the applicant's case being res judicata, the Constitutional Court went on to examine and determine the merits of the applicant's complaint in detail and in the light of the relevant case-law. Thus, the Court finds no reason to distinguish the examination of this complaint from that made in the case of Dimech, cited above.*

*Having analysed the judgments brought to the Court's attention the Court observes that the difference the applicant complains of resides not in the factual situations examined by the domestic courts (see, conversely, Erol Uçar v. Turkey (dec.), no.12960/05, 29 September 2009) – in so far as all the claimants were subject to the blanket provision – but in the*

*application of the law (based on case-law, namely the case-law of this Court). It also appears that the Constitutional Court originally followed the Salduz judgment strictly. However, at some point, notably from 2012 onwards, the Constitutional Court "restricted" its interpretation of the Salduz judgment, with the consequence that a number of persons who were subject to the systemic ban in Malta, and who therefore were not assisted by a lawyer when they made their statements, did not have the benefit of favourable judgments remedying their situation. This interpretation appears to have remained the practice thereafter, in so far as the only example brought by the applicant to demonstrate a further inconsistency was the case of The Republic of Malta vs Alfred Camilleri of 12 November 2012, which was however overturned by the Constitutional Court pending proceedings before this Court.*

*Thus, as was the case in the recent Dimech judgment (cited above), in the Court's view, unlike in Beian (cited above), the present case does not deal with divergent approaches by the supreme court – in the present case the Constitutional Court, which is the highest court in Malta – which could create jurisprudential uncertainty, depriving the applicant of the benefits arising from the law. The situation in the present case constituted a reversal of case-law. In this connection the Court reiterates that, as held in S.S. Balıklıçeşme Beldesi Tarım Kalkınma Kooperatifi and Others v. Turkey (nos. 3573/05, 3617,05, 9667,05, 9884/05, 9891,05, 10167/05, 10228/05, 17258/05, 17260/05, 17275/05, 17290/05 and 17293/05, 30 November 2010), in the absence of arbitrariness, a reversal of case-law falls within the discretionary powers of the domestic courts, notably in countries which have a system of written law (as in Malta) and which are not, in theory, bound by precedent (see also Torri and Others v. Italy, (dec.), nos. 11838/07 and 12302/07, § 42, 24 January 2012, and Yiğit v Turkey, (dec.) no. 39529/10, §§ 21-22, 14 April 2014).*

*In Dimech, having examined the circumstances, which also pertain to this case, the Court held that no issue arose in respect of Article 6 § 1 as regards the notion of legal certainty and accordingly there was no violation of that provision (§ 69)."*

*Fl-imsemmi każ ta' Dimech v Malta, deċiża fit-2 ta' April 2015, il-Qorti Ewropea kienet fil-fatt kompliet billi qalet hekk:*

*"The question is, however, more complex, in that the reversal of the case-law did not concern the interpretation of domestic legal norms but of international norms, as interpreted by this*

*Court in its case-law. In the present case the Constitutional Court of Malta departed from the principles established by the Court, a course of action which it was, in theory, free to undertake – although it removes any opportunity for the domestic authorities to make matters right in the domestic system and forces an applicant to bring proceedings before the Court under Article 34 of the Convention. Nevertheless, the Court considers that the way that domestic courts apply relevant case-law of this Court to domestic proceedings cannot by itself raise an issue of legal certainty at the domestic level. Importantly, the Court notes that there is no indication that in the national court's application of their interpretation of this Court's case-law in the applicants' case, there was any arbitrariness capable of raising an issue under the Convention. Indeed, it appears that within their autonomous interpretation of the case-law, the domestic courts were coherent and respected the criteria of judicial assessment."*

*Isegwi għalhekk illi dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent illum huwa proprju każ ta' żvilupp mill-Qorti Kostituzzjonali fl- interpretazzjoni tagħha tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, u kif tispjega l-istess Qorti Ewropea, dan fih innifsu ma jwassalx għal-leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq ma jiggarantix uniformità fil-gurisprudenza u naturalment lanqas ixekkel l-iżvilupp tagħha.*

*Fiż-żmien meta giet pronunzjata is-sentenza finali fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti Kostituzzjonali kienet tqis dak l-ilment fid- dawl tal-vulnerabilità o meno tiegħu. Din il-linja ta' interpretazzjoni li kienet tieħu l-Qorti dak iż-żmien ġiet applikata fil-każ tar-rikorrent, bħal ma ġiet applikata f'każijiet oħra simili deċiżi fl-istess perjodu u allura l-Qorti Kostituzzjonali kienet konsistenti fid-deċiżjonijiet tagħha fiż-żmien illi ġie deċiż il-każ tar-rikorrent. Il-prinċipji applikati fid-deċiżjoni li ngħatat fil-konfront tar-rikorrent huma dawk il-prinċipji li l-Qorti Kostituzzjonali kienet tapplika fil-kawżi kollha li kellha quddiemha dwar is-suġġett dak iż-żmien.*

*Tenut kont ta' dan kollu u b'applikazzjoni ta' dak li ngħad mill- Qorti Ewropea fil-każijiet ċitati, isegwi li r-rikorrent ma sofra l- ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba li l-Qorti Kostituzzjonali rreġistrat żvilupp matul iż-żmien fl- interpretazzjoni tagħha tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Malcolm Said v. Avukat Ġenerali; Kummissarju tal-Pulizija',** [23] il-Qorti Kostituzzjonali ikkunsidrat:

*'20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l- proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.*

21. *Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

22. *Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta ttieħditlu l- istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l- attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal- istqarrija mill-inkartament tal-proċess. Għalhekk ukoll (bla ħsara għal dak li sejjer jingħad dwar dewmien) ma huwiex il-każ li l-attur jingħata rimedju ulterjuri fil-forma ta' kumpens monetarju, u l-qorti sejra tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ikkundannat lill- konvenuti jħallsu lill-attur elfejn u ħames mitt euro (€2,500) bħala kum- pens għat-teħid tal-istqarrija.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor'**[24] gie kkunsidrat li:

*'10. In the present case, respondent Onyeabor was interrogated by the Police without having been granted access to a lawyer – notwithstanding his request for a lawyer, which was denied*

[23] Deciza fl-24 ta' Gunju 2016 (Rikors kostituzzjonali numru 74/2014 JPG)
[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 2016 (Bill of Indictment No. 5/2015)

*and this as at the time there was "a systemic restriction applicable to all accused persons". Respondent thus made a statement on the 4th February 2008 without such legal assistance.*

*11. **<u>In Aaron Cassar vs L-Avukat Generali et</u>**, decided by the Constitutional Court on the 11th July 2016, where the accused's statement to the Police did not contain any incriminating declarations which could in any way prejudice him – while the contrary would appear to be the case here – that Court concluded that in view of what was decided in Borg vs Malta, the mere fact of a denial of legal assistance in the pre-trial stage constituted a breach of Article 6(1) of the Convention read in conjunction with Article 6(3):*

*"8. Iż-żamma tal-bilanċ neċessarju bejn id-diversi interessi involuti (tal- individwu, tal-komunità, tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) fit-twettiq tal-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tal-individwu għandu jimmilita kontra s-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni – ħaġa serja fiha nfisha – meta ma jkun hemm ebda konsegwenzi ta' preġudizzju fuq min iqis lilu nnifsu (mingħajr ma neċessarjament ikun hekk) bħala "vittma". Din fl-aħħar mill-aħħar kienet il- motivazzjoni ta' din il-qorti fis-sentenza ta' Charles Steven Muscat v. Avukat enerali[25] u sentenzi oħra li ġew wara, li ma sabux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta min ikun ta stqarrija mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat ma jkun ġarrab ebda preġudizzju minħabba f'hekk.*

*"9. Madankollu, għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpret-azzjoni minnha mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija hija interpret-azzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id- drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta' Borg v. Malta imsemmija mill-ewwel qorti, li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' għajnuna ta' avukat bħala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni."*

*12. Nor has appellant Attorney General adduced any "compelling reasons" which may have justified denying respondent Onyeabor access to a lawyer at the interrogation stage.*

*13. While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the*

[25] *Constitutional Court, 8th October 2012.* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata erbgħa (4) fis-sentenza ċitata)

*conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*

*14. For these reasons the Attorney General's appeal requesting the reversal of that part of the judgement delivered by the Criminal Court on the 17th March 2016 in the names* ***The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor*** *whereby that Court upheld the first preliminary plea and declared the statement released by the accused as inadmissible, is denied and judgement is confirmed. Orders that the record be remitted to the Criminal Court for the continuation of proceedings against the said Chukwudi Samuel Onyeabor.'*

Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet '**Mario Borg vs Malta'** [26] ikkunsidrat:

*'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

[26] Deciza fit-12 ta' Jannar, 2016 u reza finali fit-12 ta' April 2016 (Application no. 37537/13)

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to*

*assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello'**[27] gie kkunsidrat:

*'Ghandu jinghad li t-trattazzjoni tal-partijiet marret oltre l- meritu tas-sentenzi hawn fuq imsemmija li jirrigwardaw li fis-sistema taghna qabel l-ghaxra ta' Frar, 2010 il-persuna ndagata jew akkuzata ma kellha ebda dritt li tkellem lill-avukat ta' l- ghazla taghha. Dan ghaliex l-istqarrija li giet rilaxxata minn Martino Aiello ggib id-data tad- 19 ta' Ottubru, 2014 u dak in-nhar Martino Aiello rrifjuta li jkellem avukat ta' fiducja tieghu.*

*Illi l-avukati tar-rikorrenti qajmu l-punt li Martino Aiello ma kellhux avukat prezenti mieghu meta hu rrilaxxa l-istqarrija tieghu fid-19 ta' Ottubru, 2014. It-tratazzjoni tal-partijiet kien dwar dan il-punt.*

*Illi dan il-punt gie finalment deciz mill-legislatur bil-promulgazzjoni ta' l-Att numru LI ta' l- 2016. Dan l-att gie operattiv fit-28 ta' Novembru, 2016 permezz ta' l-A.L. 401 ta' l-2016.*

*Illi l-artikolu li hu rilevanti ghall-ezercizzju in ezami hu l-artikolu 355AUA li jaghti id-dritt ta' access ghal avukat fi proceduri kriminali.*

*Illi t-tezi tar-rikorrenti hi semplici u lineari. Meta giet rilaxxata l-istqarrija dik il-persuna ma kellhiex id-dritt tal-prezenza ta' l-avukat. Il-konkluzjoni allura hi li tali stqarrija ghandha tkun inammissibli.*

*Illi t-tezi tal-Avukat Generali hi daqstant lineari. Ir-rikorrenti gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu. Hu rrifjuta tali dritt, ma kkonsulta lil hadd u liberament u volontarjament irrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija.*

*Illi din il-Qorti josserva li s-sentenza Borg v. Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik is-sdentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid*

[27]Sentenza preliminari deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju, 2017 (Att ta' Akkuza numru 13/2015)

*ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentnezi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f' dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl- istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati.'*

Din is-sentenza kienet giet appellata fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali[28] fejn ikkunsidrat u ddeciediet is-segwenti:

*'18. Ghalhekk, il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, arginata kif inhi esklussivament fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6(1) u (3) tal- Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem (u l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 39(1)(6)) hi wahda li, minkejja dak sottomess mill- appellat waqt it-trattazzjoni, taqa' biex tigi regolata skont l-artikolu 46(3) tal- Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdu li l-Qorti li quddiemha tqum il-kwistjoni ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal- kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja. Il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, ghalhekk, ma tistax tigi deciza a priori minn din il-Qorti, u lanqas setghet tigi hekk deciza mill-Qorti Kriminali qabilha.*

*19. Illi gjaldarba l-kwistjoni imqanqla la hija wahda frivola u lanqas vessatorja, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal- Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tibghat lil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l- kwistjoni dwar jekk bl-uzu fil-guri kontra l-akkuzat appellat Martino Aiello tal- istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fid-19 ta'*

[28] Deciza fit-9 ta' April, 2018 (Att ta' Akkuza Numru 13/2015)

*Ottubru 2014 jigix lez id-dritt tal-istess Martino Aiello ghal smigh xieraq sancit bl-artikolu 39(1)(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.*

*20. Tiddiferixxi dan l-appell sine die sakemm tigi deciza definittivament il- kwistjoni fuq riferita.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) Vs Pistella Aldo'[29]</u>** li hija soggetta ghal appell pendenti gie kkunsidrat li:

*'Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l- parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29 :*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek? T: Iva. M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*

*T: Iva."*

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali*

[29] Deciza mill-Qorti Civile Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Gunju, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Nru. 104/16JZM).

*waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx ; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f`dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f`hin minnhom xtaq li jghinna u f`hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l- interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.'*

Fl-istess sentenza kkunsidrat ukoll li:

*'L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija sostnew li l-fatt li d-dritt li nghata lil persuni li jkunu se jirrilaxxjaw stqarrija lill-pulizija ezekuttiva bl- Avviz Legali 102 tal-2017 li dahal fis-sehh fit-13 ta` April 2017 ma jfissirx li awtomatikament inkiser id-dritt*

*fondamentali ta` kwalunkwe persuna li tkun irrilaxxjat stqarrija qabel it-13 ta` April 2017.*

*Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

*Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal- konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.*

*Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.*

*Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet.*

*Provvediment*

*Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda twiegeb ghar- referenza li saret lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" billi tiddikjara illi l-fatt li l-akkuzat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux id-dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija jkun jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-Art 6 tal- Konvenzjoni*

*Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal- Libertajiet Fondamentali tiegħu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata lill- Pulizija Ezekuttiva tkun prova fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.*

*Għalhekk qegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tkompli bis-smigħ tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella".*

Ikkunsidrat;

Minkejja li l-appellanta fiz-zewg stqarrijiet ingħatat id-dritt li tikkonsulta Avukat jew Prokuratur Legali u hi rrifjutat dan id-dritt u volontarjament għaddiet biex mhux biss tagħti iz-zewg stqarrijiet izda anke tiggurramenta l-ewwel stqarrija, il-ligi fiz-zmien li ngħataw l-istqarrijiet ma kinitx tipprovdi għad-dritt li persuna tkun assistita waqt l-interrogazzjoni. Din il-Qorti tinnota li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tiehu parir legali qabel ma tagħti l-istqarrijiet kif filfatt għamlet, hi ma kelliex il-jedd li tkun assistita matul it-tehid tal-istqarrijiet. Id-Direttiva 2013/48/UE kif trasposta fil-ligi Maltija permezz tal-ATT LI tal-2016[30] illum tagħti l-jedd mhux biss lil persuni vulnerabbli biex ikunu assistiti waqt it-tehid ta' istqarrija izda lil kull persuna.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ma għamlitx dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar id-dritt ta' persuna li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija u dan stante li l-opposizzjoni li tqajjmet mill-appellanta fl-appell tagħha ossia li l-ligi fiz-zmien meta ttiehdu l-istqarrijiet ma kinitx tiprovdi għad-dritt li persuna tigi assistita minn Avukat fil-bidu nett tal-investigazzjoni u għalhekk anke matul l-għoti tal-istqarrijiet ma kinitx tqajmet quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellanta fin-nota ta' sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti kienet nizlet:

*'Illi l-istqarrija tal-01 ta' Marzu 2012 ittiehdet mingħajr assistenza legali, wara li l-imputata kienet ippanikjata u inzammet b'mod li sal-ħin li nzammet ma kienu għadhom raw xejn suspettuz. Oltre minn hekk, l-istqarrija addizjonali la hija guramentata quddiem magistrat u anqas m'hemm registrat magħha id-dritt ta' l-assistenza legali, hemm biss referenza għad-*

[30] Senjatament permezz tal-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

*dritt ta' l-assistenza legali permezz ta' mistoqsija waqt l-interrogazzjoni. Dan jaghmel tali stqarrija nulla u ghalhekk mhux ammissibbli. Di fatti, tali stqarrija u cioe dik tal-01 ta' Marzu 2012 mhux qieghda parti mill-proces verbal kif redatt minn dak iz-zmien il-Magistrat Miriam Hayman u l-provi prodotti kollha jirreferu biss ghall-istqarrija mehuda fit-03 ta' Novembru 2011.'*

L-Ewwel Qorti kienet ikkunsidrat li:

*'Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza ssostni illi l-Qorti ghandha tiskarta din l- istqarrija rilaxxjata mill-imputata u dan stante illi d-dritt tal-assistenza legali ma giex registrat, izda tirrizulta biss referenza ghal dan id-dritt permezz ta' mistoqsija li saret lill-imputata waqt l-interrogatorju taghha. In oltre skont id-difiza, din l- istqarrija ma gietx guramentata mill-imputata quddiem Magistrat, kuntrarjament ghall-istqarrija rilaxxjata minnha nhar it-3 ta' Novembru 2011. Id-difiza imbaghad tirreferi ghal zewg sentenzi, wahda tal-Qorti Kostituzzjonali u ohra ta' din il-Qorti, fejn l-istqarrija giet skartata, ghaliex l-imputati rispettivi f'dawk il-kazijiet ma nghatawx il-jedd li jottjenu parir legali qabel l-interrogatorju taghhom. Fil-fehma tal-Qorti, madankollu, kuntrarjament ghal dak li ssosnti d-difiza, fil-kaz odjern jirrizulta car mill-istqarrija nnifisha illi l-imputata nghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Mill-istqarrija rilaxxjata minnha fl-1 ta' Marzu 2012, jirrizulta illi l-imputat inghatat s-solita twissija skont il-ligi. Imbaghad mill- istess stqarrija, jirrizulta wkoll is-segwenti:*

*"M: Nghid sew li qabel ma bdejna inkellmuk jien w l-ispettur Zammit int gejt mistoqsija ghal darba ohra jekk ridtx tikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali w gejt moghtija wkoll is-solita twissija w cioe li int ghandek dritt ma tghidx affarijiet li jistaw jinkriminawk?*

*T: Iva".*[31]

*Ghalhekk mill-bran citat, jirrizulta car illi l-imputata kkonfermat illi hija ma nghatatx biss is-solita twissija, izda wkoll id-dritt li tottjeni parir legali qabel l- istqarrija taghha. Veru illi fl-istqarrija ma giex registrat jekk l-imputata ezercitatx dan id-dritt o meno*[32]*, izda b'daqshekk*

---

[31] *A fol. 31 tal-process.* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza appellata)

[32] *Fil-fatt fix-xhieda tieghu (a fol. 53 tal-process), l-Ispettur Dennis Theuma jghid illi l-imputata regghet inghatat id- dritt li tottjeni parir legali qabel irrilaxxjat din l-istqarrija, liema dritt hija rrifjutatu. .* (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata hdax (11) fis-sentenza appellata)

*ma jfissirx illi ma nghatatx dan id-dritt. Fiz-zmien in kwistjoni, kemm il-darba l-imputata ghazlet li tikkonsulta ma' avukat, allura kienet tapplika r-regola tal-inferenza, li altrimenti ma kinitx tapplika jekk l- imputata ma ezercitatx dan id-dritt. B'applikazzjoni tal-principju illi d-dubju ghandu dejjem imur favur l-imputata, din il-Qorti ma hija ser tinferixxi xejn u fi kwalunkwe kaz m'hemm il-htiega tal-ebda inferenza f'dan il-kaz. Lanqas il-fatt illi l-imputata ma kkonfermatx din l-istqarrija taghha bil-gurament m'ghandu jimpingi fuq din l-istqarrija. Ai termini tal-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali "Kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il- konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew xi twebbil ta' vantaggi." Mill- provi processwali la tirrizulta xi allegazzjoni f'dan is-sens u wisq inqas jirrizulta illi din l-istqarrija ma gietx rilaxxjata b'mod volontarju jew inkella giet imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi. In oltre ghalkemm fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza tghid illi din l-istqarrija ttiehdet wara li l-imputat kienet ippanikjata, fil-fatt jirrizulta illi din l-istqarrija ttiehdet kwazi erba' xhur wara l-incident tat-3 ta' Novembru 2011.*'

Filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti permezz tal-appell prezentat mill-appellanta jirrigwarda l-inammissibilta' tal-istqarrijiet peress li ttiehdu minghajr ma l-appellanta kellha d-dritt li jkollha prezenti l-avukat maghha u dan skont l-appellanta jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha senjatament id-drittijiet tal-appellanta ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghalhekk jirrizulta li dan l-ewwel aggravju m'huwiex imsejjes fuq dak li l-Qorti ddeciediet u fuq dak sottomess quddiem l-Ewwel Qorti izda l-ewwel l-aggravju fl-appell jirrigwarda l-fatt li fiz-zmien meta ttiehdu z-zewg stqarrijiet, il-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li persuna tkun assistita waqt l-ghoti tal-istqarrija. In linea tal-izvillup gurisprudenzjali tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tat-trasposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/EU fil-ligi Maltija, kull persuna ghandha dritt li

tkun assistita mill-bidu nett tal-investigazzjonijiet u ghalhekk anke waqt l-ghoti tal-istqarrija. Il-legislazzjoni Sussidjarja 9.24 tiprovdi ghal Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interrogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati bl-Avviz Legali 102 tal-2017.

Jirrizulta li l-appellanta kienet hi stess li rrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat qabel l-ghoti tal-istqarrijiet kif anke jirrizulta mit-twissija li tidher a fol 28 li taqra:

'*Twissija moghtija mill-Ispettur Spiridione Zammit fil-presenza ta*' *WP167 J. Grech li m*'*intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista*' *jingib bi prova, wara li gejt moghti d-dritt li stajt tikkonsulta jew tigi assisti mill-Avukat jew prokuratur Legal tal-fiducja tieghek u int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit.*'

Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija '*int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit*', ma jirrizultax jekk il-kliem '*tigi assistit*' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz-zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem '*tigi assistit*' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d-dritt. Ghalhekk din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li stqar l-Avukat Generali fin-nota tieghu ma tistax tintepreta' r-rinunzja tal-appellanta milli tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija bhala rinunzja tacita ghad-dritt li jkun hemm prezenza ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrijiet u dan stante li fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrijiet, il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghalhekk l-appellanta ma kellha l-ebda ghazla x'taghmel rigwardanti l-prezenza o meno ta' Avukat waqt l-interrogatorju.

Tenut kont ta' dan, din il-Qorti sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellanta sejra tiskarta iz-zewg stqarrijiet maghmulha mill-appellanta u tiddikjarahom inammissibli.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel aggravju fis-sens li filwaqt li ma hija bl-ebda mod tiddikjara li kien hemm xi lezjoni tad-drittijiet tal-appellanta rigwardanti id-dritt ghal smiegh xieraq, sejra in vista tad-Direttiva 2013/48/EU li dahlet fis-sehh ferm wara l-ghoti tal-istqarrijiet in kwistjoni tiddikjara z-zewg stqarrijiet moghtija mill-appellanta fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u f'l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) kif ukoll kull referenza ghall-isqarrijiet bhala inamissibli. Ghaldaqstant, sejra anke tiskarta ix-xhieda moghtija mill-appellanta quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn l-iskop ta' tali xhieda kienet il-konferma mil-gurament tal-ewwel stqarrija.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-illegalita' tal-istrip search illi saret fuq l-appellanta. L-appellanta tissottometti li t-tfittxija li saritilha ossia l-istrip search kif dahhlet ghaz-zjara gewwa l-facilta' Korrettiva ta' Kordin kienet wahda illegali u irregolari ghal diversi ragunijiet. L-appellanta tghid li l-prassi gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin hija illi l-Ufficjali tal-Habs jinfurmaw lill-vizitatur li ser issirlu strip search u kemm il-darba dan jirrifjuta, allura jintalab jitlaq. Jirrizulta wkoll li l-vizitatur ma jigix infurmat li jista' jirrifjuta din l-istrip search. L-appellanta tissottometti li giet infurmata li kien ser issirilha strip search, ma kienx hemm rifjut da parti taghha u ghalhekk din it-tfittxija saret bir-rizultat illi meta gie innutat oggett suspettuz, din umbghad riedet titlaq u ma thalietx. Tissottometti li l-fatt li l-apellanta ma gietx avzata li hija setghet tirrifjuta din it-tfittxija, irrenda dak kollu li sar illegali u rregolari.

Ir-regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 tiprovdi:

*(1) Kull persuna li tkun waslet biex iżżur priġunier għandha tikxef l-identità tagħha lill-uffiċjal tal-ħabs responsabbli.*

*(2) Id-Direttur jista' jordna li ssir tfittxija fuq kull persuna li tkun waslet biex iżżur priġunier. Dik it-tfittxija għandha ssir minn uffiċjal tal-ħabs ta' l-istess sess bħall-viżitatur u għandha tiġi dokumentata fir-registru msemmi fir-regolament 52(9).*

*(3) <u>Kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identità tagħha jew li toqgħod għal ordni tad-Direttur skond is-subregolament (2) għandha tiġi miċħuda permess biex tagħmel iż-żjara.</u>*

*(4)Il-każijiet kollha li fihom żjara tiġi miċħuda taħt is-subregolament ta' qabel dan għandhom jiġu dokumentati fir-reġistru msemmi fir-regolament 52(9).* (Sottolinear ta' din il-Qorti)

L-appellanta tissottometti wkoll li l-istrip search li saret fuq l-appellanta ma saritx skont il-ligi ghaliex ma kinitx awtorizzata mid-Direttur tal-Habs. Il-maggur Maria Vassallo li tat l-ordni in kwistjoni, ma kinitx awtorizzata mid-Direttur tal-Habs sabiex taghmel dan. Tghid li fl-inkartament kriminali kollu m'hemm l-ebda prova illi dakinhar, id-Direttur tal-Habs kien ta l-ordni in kwistjoni, li kienet biss il-Maggur li tat din l-ordni, liema Maggur ma kellha l-ebda setgha li taghmel dan. L-appellanta tissottometti li n-nuqqas li persuna tigi nfurmata bid-drittijiet taghha irendi kull tfittixija illegali.

Ikkunsidrat;

WPS Justine Grech fix-xhieda taghha ta' nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet li '*Nhar it-3 ta' Novembru 2011 ghall-habta tat-3:00pm rcevejt telefonat aminn gewwa CCF li kien hemm persuna femminili Claire Farrugia li kienet marret biex tinvista lili xi priguniera u kien hemm xi suspett li kellha xi sustanza illegali fuqha. Jiena mort fuq il-post fejn tkellimt ma WSCO Mary Azzopardi u qaltli li WSCO 6 Carmen Briffa kienu ghamlu strip search lil Claire Farrugia minhabba suspett li kellha xi haga llegali fuqha u waqt l-strip search rat bicca tissue fil-parti intima taghha. Hija kompliet tghid li qalet lil Claire Farrugia li kellha xi haga bajda mal-parti taghha din ppanikkjat u redet bil-fors tohrog 'l barra. Mary Azzopardi stqarret li hija nfurmat lill-ufficjal inkarigat tal-srt u talbet l-assistenza tal-Pulizija. Jiena mort fuq il-post fejn tkellimt ma Claire Farrugia u ghidtilha li ser ssirilha strip search ohra minhabba suspett li kellha xi sustanza llegali fuqha. Jiena infurmajtha wkoll li ahjar jekk tikkopera maghna u waqt it-tfittxija Claire Farrugia minn jeddha harget mill-parti taghha tissue li kien fiha borza zghira bi trab kannella suspettat droga kif wkoll zewg boroz zghar bi trab abjad suspetat droga.*'

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet WCO Mary Azzopardi li qalet li fit-tlieta (3) ta' Novembru, tas-sena elfejn u hdax (2011) giet ordnata mill-maggur Maria Vassallo biex taghmel strip search ta' Claire Farrugia.

Mistoqsija min ta l-istruzzjonijiet spjegat '*Il-maggur Maria Vassallo. Ghall-habtat at-3:00pm giet Claire Farrugia u ghidnilha li ser ssirilha strip search u accettat u x'hin wasalt f'certu posizzjoni, ghidtilha biex ddur u titbaxxa u rajtilha bicca tissue suspettata. Jiena staqsejtha x'inhi. Din kienet pronto dahhlitha 'l gewwa. Bdiet tippanikkja hafna u riedet tohrog 'l barra. Jiena ghidt lir-reception, ghidtlu cempel lil tal-SRT. Gew u fosthom kien hemm CO 85 li cempel l-ghassa biex ninfurmaw fuq din il-haga. Wara xi nofs siegha giet WPS 167 u PC 154 u ghamilna rapport. WPS 167 kellmet lil Claire Farrugia u ergajna ghamilna strip search iehor. U din qaltilha li ghandek aghtihuli. U ghaddiet li kellha mill-parti taghha u taghtha f'idejn WPS 167.*'

Il-Qorti staqsiet '*Imma kont hemm meta staqsejwha jekk riditx taghmel strip search?*' wiegbet '*Jiena staqsejtha. Ghidtilha ser ssirlek strip search u qaltli iva*'. Aktar il-quddiem fix-xhieda taghha in kontro ezami meta mistoqsija jekk informawhiex li b'dak li se taghmel tista' tinkrimina lilha nnifsha u dwar id-dritt li tikkonsulta mal-avukat taghha, wiegbet li le ma qaluliex. Fil-kontro ezami ulterjuri li sar fl-Ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) spjegat li hi Acting major, mistoqsija '*Meta intom tlabtuha biex taghmel l-strip search, hi offriet lilha nnifisha ghas-search?*' wiegbet '*...Jien gejt ordnata mill-Maggur Maria Vassallo biex ssir strip search u konna jien u WSCO 6 u jien ghidtilha, ghidtilha ha ssirlek strip search. U ma rrifjutatx*'. Meta mistoqsija '*Meta ghidtilha ha ssirlek strip search, ghidtilha xi jkun l-konsegwenzi jekk hi tirrifjuta?*' wiegbet '*Le m'ghidtilhiex*'. Mistoqsija x'kienu jaghmlu jekk irrifjutat wiegbet li titlaq 'lbarra u ghal certu ammont ta' zmien ma tidholx fil-habs, mistoqsija jekk qaltiliex dan, qalet li le ma qaluliex. Mistoqsija dwar jekk hemmx xi haga miktuba jew xi tabelli dwar dan qalet li m'hemmx bil-miktub. Tghid '*nghidulhom li ser naghmlulhom strip search u huma jirrifjutaw jew ma jirrifjutawx*'. Mistoqsija direttament mill-Qorti '*Imma inti ma tinfurmahomx li jistghu jirrifjutaw*' wiegbet '*Le ma nghidilhomx*' Mistoqsija mill-Avukat difensur '*U lanqas tghidilhom li jekk jirrifjutaw jistghu jitilqu*' wiegbet '*Le lanqas*'.

Mario Zahra fix-xhieda tieghu tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) mistoqsi in kontro ezami '*Qabel ma taghmlu l-strip search, taghtuh dan l-avviz li tista' taghmel hekk?*' Wiegeb '*Min jigi vizitaturi jekk ikunu ilhom hemm u f'dan il-kaz anke jkunu inmates, jafuhom dawn l-affarijiet*' Mistoqsi '*Qabel ma inti lili taghmilli l-strip search, taghtini l-avviz bil-quddiem u tghidlu qed navzak li jekk inti ma toqghodx ghall-strip*

*search ser jolli nghidlek li inti ma tistax taghmel iz-zjara tieghek, itlaqli 'l barra. Taghtuhulhom dan l-avviz?'* Wiegeb '*Din id-domanda ma nistax nirrispondik jiena ghax jiena ma nkunx nahdem hemm isfel*'.

SWCO Maria Vassallo fix-xhieda taghha ta' nhar it-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjegat li '*...skoprejna li Elaine Rapinett kellha vista dak inhar u ghidtilhom mela min jigi ghamlulhom strip search. Fil-fatt jiena lanqas kont hemm imbghad ghax jiena kien sarli l-hin tieghi biex nitlaq. Meta jigifieri grat jiena kemm ordnajt biss strip search*'. Mistoqsija mil-Qorti '*Kemm ordnajt li meta jigi xi hadd biex jara lil Elaine Rapinett ssir strip search*' wiegbet '*iva daqshekk*'.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-appellanta ma gietx mistoqsija jekk xtaqietx li tissoggetta ruhha ghal strip search u li jekk ma kinitx ser taccetta ma kinitx ser tithalla taghmel il-vista. Jirrizulta li meta qalulha li kien se jsir strip search qalet iva. Jirrizulta wkoll li kien wara li l-ufficjali innotaw l-oggett suspetuz fil-parti privata tal-appellanta, kien f'dak il-mument li l-appellanta umbghad riedet titlaq.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

'*Il-Qorti tinnota illi dan ir-Regolament jaghti s-setgha lid-Direttur tal-Habs sabiex jordna tfittxija fuq vizitatur ossia persuna li tmur gewwa l-habs sabiex izzur prigunier u jipprovdi illi kemm il-darba dak il-vizitatur jirrifjuta li joqghod ghal tali ordni ta' tfittxija, huwa ghandu jigi mcahhad milli jaghmel dik iz-zjara. Imkien ghalhekk dan ir-Regolament ma jghid jew jezigi illi l-ufficjali tal-habs ghandhom javzaw lill-vizitatur li huwa jista' jirrifjuta li joqghod ghal tfittxija li tigi ordnata mid-Direttur tal-Habs, kif qeghda tippretendi d-difiza. Fil-fehma tal-Qorti, apparti l-kliem inniffsu tar-regolament li ma jezigix tali avviz lill-vizitatur, wiehed ghandu jqis ukoll il-kuntest ta' tali regolament u l-ghan tieghu. Meta vizitatur jidhol gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex izur prigunier, dan ghandu jistenna li jissoggetta ruhu ghar-regoli ta' dik il-Facilita`, b'mod partikolari regoli li jassiguraw is-sigurta` tal-post u tal-abitanti tieghu, kif ukoll illi ma jigux introdotti oggetti llegali jew projbiti gewwa l-istess Facilita`. Ghalhekk meta wiehed jirrifjuta li jassoggetta ruhu ghal dawk ir-regoli, il-konsegwenza logika u necessarja hija li huwa jigi rifjutat dhul gewwa l-istess Facilita`...*'

Ir-regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja ma jiprovdiex li visitatur li tkun ser isirilhom strip search ghandhom jigu nfurmati bid-dritt taghhom li jirrifjutaw. Dak li jipprovdi dan ir-regolamt hu li f'kaz li jirrifjutaw, ghandhom jigu michuda permess biex taghmel iz-zjara.

Illi minkejja li l-appellanta kienet fi zmien priguniera u allura setghet kienet taf li vizitaturi jistghu jigu soggettati ghal tfitxxija intima ossia strip search, il-fatt li hija ma gietx infurmata dwar id-dritt taghha li tirrifjuta li ssir l-istrip search u li f'kaz li rrifjutat kienet tigi michuda d-dritt li taghmel il-vista ifisser li li ma setghetx tuza dak id-dritt. Persuna ma tistax tgawdi dritt sakemm ma tkunx infurmata dwar dak id-dritt. Ghalhekk fil-kaz odjern, ghalkemm ir-regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja jiprovdi li f'kaz li visitatur jirrifjuta li ssir tfittxija fuqu, ma jithalliex jaghmel il-vista u kif xehdu uhud mix-xhieda jaf ikun hemm perjodu fejn dan il-vizitatur li jkun irrifjuta ma jithalliex jaghmel visti, il-fatt li persuna ma tigix infurmata dwar dan id-dritt huwa minnu nnifsu leziv. Ghaldaqastant, kif hawn ikkunsidrat jirrizulta li minkejja li l-appellanta ma rrifjutatx li ssir it-tfixxija, hija ma gietx infurmata li setghet tirrifjuta u ma ssirx il-vista, ghalhekk tali tfittxiha kienet wahda leziva ghad-drittijiet tal-appellanta.

Din il-Qorti sejra ghar-ragunijiet spjegati f'din is-sentenza tilqa' t-tieni aggravju u ghalhekk ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tikkunsidra jekk l-ufficjal li wettaq it-tfittxija kienx awtorizzat o meno biex jaghmel dan.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li darba l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa bbazat fuq ir-rizultanzi tall-istrip search li saret fejn id-droga kienet fuq il-persuna tal-appellanta, liema droga inghatat mill-apellanta f'idejn l-ufficjal tal-habs wara li saret it-tieni strip search u stante li kemm l-*istrip search* giet ikkunsidrata bhala illegali, din il-Qorti ma tistax tiehu in konjizzjoni dak li nstab konsegwenza ta' tali *strip search*. In oltre, l-istqarrijiet tal-appellanta ghar-ragunijiet fuq ikkunsidrati huma wkoll inammissibli. Ghalhekk dak li baqa li jigi kkunsidrat huma jekk il-bqija tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti iwasslux ghal htija.

L-Ispettur Spiridione Zammit fix-xhieda tieghu tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed li '*Jien kont smajt il-konversazzjonijiet bejn it-2 ta' Novembru 2011 mid-9:30am sat-3 ta' Novembru fit-3.30pm li kienu maghmula minn Elaine fuq il-mobile taghha 7982 4771 kif wkoll land line 21808121. Il-konversazzjonijiet kienu jindikaw li Elaine kienet cemplet lil claire u qaltilha biex tiltaqa' fejn l-MCast. Fit-3 ta' novembru 2011, telefonata li kienet f'14.29hrs, Elaine tat lil Claire mobile number u cioe 7986 1788 u qaltilha biex imbghad ccempillu. Jiena kont wkoll rajt il-mobile number u jien stabilixxejt ukoll li din kienet fil-fatt cemplet dan in-numru, din Claire u dan il-persuna cemplilha minuta wara. Kienu saru xi requests u l-imsemmija telefonati recorded kienu gew handed over il Martin Bajada biex jaghmel it-transcripts u profiles fl-inkjesta. Jiena kont investigajt lil Elaine fl-4 ta' Novembru 2011. Wara li din ghazlet li ma tikkonsultax mal-avukat qabel l-interrogatorju u din nnegat li kienet taf b'din il-bicca tax-xoghol. Irrizulta wkoll li n-numru 8982 4771 minn iktar investigazzjoni li saru kienu jappartjenu lil Justin Zahra Id 181087 (M). dan kien gie nvestigat minni nhar l-1 ta' Frar 2012 u wara li ghazel li ma jikkonsultax mal-avukat tieeghu qabel l-interrogatorju, stqarr li din Elaine Rapinett kienet tibghatu ghand ommha biex jigbor xi flus u imbghad dawn jaghtihom lil Claire u flimkien jmorru Rahal il-Gdid biex jixtru l-eroina. Hu kien nnega li jaf is-supplier min kien pero Claire kienet tiltaqa mieghu fejn l-MCast wara li jwasslaha hu bil-karozza. Fil-fatt Justin dak inhar wassal lil Claire u Claire hadet id-droga u kienet ser ddahhalha gewwa CCF. Elaine imbghad ccempel lil Justin mill-habs u hemm hekk tghidlu all right u hemm hekk kien ifisser li d-droga kienet dahlet. Qal ukoll Justin u kien kkonferma dan kollu quddiem il-Magistrat Dr Neville Camilleri dak inhar stess fl-ufficcju tieghi, fejn kkonferma li kien hemm darbtejn ohra fejn Claire dahhlet id-droga lil Elaine Rapinett u dan jafu ghax kien wassalha hu u kienet cemplitlu Elaine u qaltlu 'hemmhekk all right' u dan kien ifisser li d-droga kienet dahlet...*'

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li:

'*Finalment irid jinghad ukoll illi l-Qorti mhijiex qed tiehu in konsiderazzjoni ix- xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit in kwantu din tirreferi ghal dak li qal lilu Justin Zahra matul l-interrogatorju tieghu. Ghalkemm jidher mix-xhieda tal- Ispettur Spiridione Zammit f'dan ir-rigward, illi Zahra kkonferma l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Dr. Neville Camilleri, biss din l-istqarrija guramentata baqghet ma gietx esebita f'dawn il-proceduri u in oltre l-istess Zahra baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk dak li seta' qal Zahra fl-*

*interrogatorju tieghu, baqa' biss detto del detto u ma jaghmilx prova tal-veracita` tal-kontenut tieghu.*'

Justin Zahra ma ttellax sabiex jixhed quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas ma giet prezentata l-isqarrija tieghu, ghalhekk kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti dak li xehed l-Ispettur Spiridione Zammit in kwantu jikkoncerna dak li qallu Justin Zahra huwa inammissibli stante li huwa detto del detto.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-filtered calls a fol 81 tal-process li ghamlet il-priguniera Elaine Rapinett, huma provi li wahedhom ma jistawx iwasslu ghal htija fil-kamp penali. Jirrizulta li l-priguniera Elaine Rapinett ghamlet diversi telefonati fejn anke provdiet numru tal-*mobile*, liema numru tal-mobile jirrizulta bhala wiehed minn numri li l-appellanta cemplet skont ir-rapport ta' Dr Martin Bajada a fol 70. Mit-telefonati maghmulha mill-priguniera Elaine Rapinett tirrizulta hafna insistenza da parti taghha fejn fil-konversazzjonijiet telefonici jirrizultaw kliem bhal '*ghandu jcempillek ghada*', '*jista*' *jkun il-Gimgha, s-Sibt, jew il-Hadd, qed tifhem? Jekk ma jkunx ghada, fhimtni?*', '*ghada filghodu cempillu*', '*ghid lil dik biex iccempillu*', '*fejn qieghda*?', '*cempel*', 'x'qaltlek?', '*Il-boghod imma*?'. Dawn huma kollha provi indizzjarji, li jehtieg li jkunu cari u ekwivoci li jwasslu ghal decizjoni wahda biss sabiex ikun hemm htija.

Prova indizzjarja trid tkun ċara u univoka sabiex twassal għal sejbien ta' ħtija tant li meta interpretati ma jwasslu għall-ebda konklużjoni oħra għajr dik tas-sejbien tal-ħtija. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana'**[33] fejn ġie ikkunsidrat '*Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu*

[33] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Novembru 2001

*jmur favur l-imputat.'*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID 401187(M))'**[34] ikkunsidrat ukoll:

*Illi l-gurist* ***Ingliz Pollock C.B***[35] *jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal- univocita` tagħha bis-segwenti mod:*

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* (Emfażi miżjuda)

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li:

*'Finalment irid jinghad ukoll illi l-Qorti mhijiex qed tiehu in konsiderazzjoni ix- xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit in kwantu din tirreferi ghal dak li qal lilu Justin Zahra matul l-interrogatorju tieghu. Ghalkemm jidher mix-xhieda tal- Ispettur Spiridione Zammit f'dan ir-rigward, illi Zahra kkonferma l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Dr. Neville Camilleri, biss din l-istqarrija guramentata baqghet ma gietx esebita f'dawn il-proceduri u in oltre l-istess Zahra baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk dak li seta' qal Zahra fl-interrogatorju tieghu, baqa' biss detto del detto u ma jaghmilx prova tal-veracita` tal-kontenut tieghu.'*

Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti mhijiex ser tiehu konjizzjoni dak dak li ntqal mill-Ispettur Spiridione Zammit dwar Justin Zahra. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tilqa' t-talba tad-difiza ghall-isfilz tar-

[34] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2016 (Kawża numru: 83/2011)
[35] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata għaxra (10) fis-sentenza ċitata)

relazzjoni ta' Dr Martin Bajada u l-appellant fl-appell tieghu mhuwiex iressaq aggravju dwar dan. Ir-rapport ta' Martin Bajda huwa ammissibli kif iddikjarat mill-Ewwel Qorti. Kemm ir-rapport ta' Martin Bajada li jinkludi fih fosthom lista ta' telefonati u messaggi kif ukoll il-filtered calls li huma registrati fuq ic-CD a fol 81 ma jistghux iwasslu ghal decizjoni wahda u wahda biss u ghalhekk ghalkemm joholqu numru ta' spekilazzjonijiet dwar dak li Elaine Rapinett bdiet tiftiehem u dwar it-telefonati li rceviet l-appellanta, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni li l-prosekuzzjoni pruvat il-kaz taghha minghajr dubju detatt mir-raguni. Ix-xhieda li tressqu mill-prosekuzzjoni xehdu dwar l-istqarriji li kif hawn deciz huma inammissibli jew dwar l-istrip search li kif hawn deciz ukoll kienet wahda illegali stante li l-appellanta ma gietx infurmata li setghet tirrifjuta u titlaq u gahlehkk kwalunkwe fatti li johorgu mill-istqarrija u kwalunkwe rizultanzi li johorgu mill-istrip search huma inammissibli.

Din il-Qorti hija tal-fehma li stante li kif deciz minn din il-Qorti l-istqarrijiet, ix-xhieda tal-appellanta ta' nhar l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) quddiem il-Magistrat Inkwirenti moghtija fl-ambitu tal-ewwel stqarrija huma inammissibli u li l-istrip search saret b'mod irregolari meta l-apellanta ma gietx infurmata tad-dritt taghha li tirrifjuta li ssir tali strip search, il-bqija tal-provi migjuba ma jwasslux ghal decizjoni wahda ossia ghal decizjoni ta' htija fil-grd li trid il-ligi.

Ghaldaqstant, stante li din il-Qorti qieghda ssib li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanta ma gewx pruvati sal-grad li trid il-ligi, mhijiex sejra tikkunsidra l-aggravju dwar il-piena.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet ikkunsidrati, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) kemm fil-htija u fil-piena u konsegwentement tillibera lill-appellanta minn kull imputazzjoni u piena.

Din il-Qorti qieghda wkoll tirrevoka u thassar l-ordni tal-Ewwel Qorti ghal hlas tal-ispejjez *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesti, cioe' l-ispejjez konnessi mar-

relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela kif ukoll l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada.

Din il-Qorti qieghda wkoll tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita in atti u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' proceduri ohrajn fil-konfront ta' terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur